

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.11.2008
KUMM(2008) 712 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

Naġixxu issa għal Ewropa aħjar

VOLUM 1

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

Naġixxu issa għal Ewropa aħjar

1. ŻMINIJET TA' PROVA GĦALL-EWROPA

Fi żminijiet ta' kriżi li l-ħtieġa għal solidarjetà attiva madwar l-Istati Membri u bejn l-Istituzzjonijiet tkun fl-aqwa tagħha. Dawn huma iż-żminijiet meta l-UE tista' turi valur miżjud reali liċ-ċittadini tal-Ewropa. Il-kriżi finanzjarja attwali u t-tnaqqis fl-ekonomija jippreżentaw lill-Ewropa b'waħda mill-iktar sfidi diffiċli li qatt iffaċċjat. Din diġà obligat lill-Unjoni biex turi ħeffa, determinazzjoni u solidarjetà. L-ewwel nett, l-Unjoni wriet kompetenza u imajinazzjoni meta ffaċċjat il-kriżi għal għarrieda b'raba mal-fiduċja fis-swieq finanzjarji. Issa trid turi l-istess kwalitajiet biex tirriforma s-settur finanzjarju u ttaffi l-impatt tat-tnaqqis fuq l-ekonomija reali u fuq iċ-ċittadini.

It-taqlib ekonomiku kompli żied ma' sensiela ta' sfidi oħrajn għall-UE fl-2008. Żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija matul l-aħħar sena għamli pressjoni dopja fuq id-djar Ewropej. Il-proċess ta' ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona kien ikkonfrontat bil-vot ta' "le" fir-referendum Irlandiż. Fil-konflitt fil-Ġeorġja l-Ewropa ġiet msejħa biex ikollha rwol ċentrali biex tinstab soluzzjoni u biex toffri għajnuna. L-UE uriet il-karattru b'saħħtu tagħha quddiem dawn l-isfidi. Hi uriet li tista' tadatta għaċ-ċirkustanzi li qegħdin jinbidlu u taġixxi b'determinazzjoni u attenzjoni.

Mill-bidu tal-mandat tagħha, din il-Kummissjoni fittxet li tuża l-għodod disponibbli għaliha bl-aħjar mod. Il-Kummissjoni għandha diversi rwoli fis-sistema Ewropea: tagħti direzzjoni tal-politika u koerenza, tibda proposti għall-liġi tal-UE, għandha f'idejha l-ġestjoni ta' politiki u programmi importanti; taġixxi bħala garanti tal-liġi tal-UE u tal-kundizzjonijiet ugwali fl-Ewropa. Għamlet sforzi partikolari biex taħdem fi sħubiji ma' atturi ewlenin oħrajn li jiffurmaw u jwettqu l-ħidma tal-UE: il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini f'kull livell. Id-djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Politika Annwali – li nebbaħ u arrikkixxa l-preparazzjonijiet għal dan il-Programm ta' Ħidma flimkien ma' kontribuzzjonijiet mill-parlamenti nazzjonali - hu eżempju importanti ta' dan.

L-2008 ħarġet fid-dieher it-tnejja u l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE li jadattaw ma ċirkustanzi ġodda u ma' skedi li qegħdin jinbidlu. Din il-flessibbiltà ser tkun, b'mod inevitabbli, faċċata importanti tal-ħidma tal-Kummissjoni fl-2009. Fl-istess ħin, fl-aħħar snin il-Kummissjoni bdiet sensiela ta' inizjattivi maġġuri ta' politika fuq medda twila ta' żmien foqasma bħall-enerġija, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni, u l-politika soċjali. Fl-aħħar sena tal-mandat tagħha, il-Kummissjoni ser tikkonċentra fuq it-tlestija tal-ħidma li bdiet, b'ħidma mill-qrib mal-Kunsill u l-Parlament. L-għoti ta' benefiċji diretti liċ-ċittadini kien prijorità għal din il-Kummissjoni. B'hekk hija ħerqana li tiżgura li l-inizjattivi ewlenin tagħha jsiru liġijiet u li jiġu implimentati fil-prattika, u hi ddeterminata li taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet oħrajn tal-UE għal dan l-għan.

Matul it-terminu tagħha fl-uffiċċju, il-Kummissjoni fittxet li tħejji lill-Unjoni Ewropea biex tirreaġixxi b'mod effettiv għall-globalizzazzjoni. L-Ewropa tibbenefika minn soċjetajiet u swieq miftuħa iżda t-tnejn li huma jeħtieġu regoli. L-UE għandha tradizzjoni kburi ta' regolamenti ekonomiċi, soċjali u ambjentali li pprovdew benefiċċji kbar liċ-ċittadini tagħha. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem sabiex toħroġ il-lezzjonijiet minn din l-esperjenza u sabiex tuża din l-esperjenza biex tgħin tiffirma l-globalizzazzjoni, billi tapprofitta mill-opportunitajiet li ġgħib. Il-kriżi finanzjarja wriet kif il-globalizzazzjoni saħħet il-ħtieġa għall-koordinazzjoni u regolamentazzjoni globali. Il-Kummissjoni temmen li l-inizjattivi tagħha biex tirrealizza l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi, biex tistabbilixxi aġenda soċjali mġedda għall-Ewropa tal-lum, biex tiġġieled kontra l-bidla fil-klima u tippromwovi sigurtà tal-enerġija, u biex tindirizza kwistjonijiet madwar il-kontinent kollu bħal migrazzjoni u soċjetà li qiegħda tikber ser ikunu siewja għall-Unjoni. Dawn jammontaw għall-programm prattiku għad-diċennji li ġejjin.

Fil-bidu tal-mandat tagħha, din il-Kummissjoni stabbilixxiet aġenda ambizzjuża għall-prosperità, sigurtà u ġustizzja soċjali fl-Ewropa. Minkejja sensiela ta' sfidi ta' prova, inkiseb ħafna fl-aħħar erba' snin. Il-Kummissjoni kienet attiva fil-ħarsien l-aktar kisbiet importanti li l-Unjoni rmaxxielha tagħmel fl-aħħar ħamsin sena, u li tippromovi inizjattivi ġodda li jmexxu 'l quddiem din l-aġenda ambizzjuża. Fir-rebbieġha tal-2009 il-Kummissjoni ser tippublika dikjarazzjoni ta' dak li kisbet, b'ħidma id fid mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, sabiex tinbena Unjoni Ewropea tas-seklu 21. Iżda l-2009 hi l-ewwel u qabel kolloxx sena fejn se ssir elezzjoni Ewropea u l-elezzjonijiet ta' Ġunju 2009 għall-Parlament Ewropew ser jagħtu lill-votanti madwar l-Ewropa l-vuċi tagħhom dwar id-direzzjoni tal-ġejjieni tal-Unjoni. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2009 irid jiżgura li aħna nwasslu tweġiba għal żminijiet ta' prova u nagħtu forma lill-aġenda tal-ġejjieni tal-UE.

Ir-reviżjoni tal-baġit li ser tippromovi s-sena d-dieħla se tagħti opportunità lill-Kummissjoni biex tħares 'l quddiem u biex tistabbilixxi kif l-Unjoni Ewropea tista' tuża l-għodod tal-baġit biex tmexxi politiki moderni bl-aħjar mod.

L-2009 ser tkun sena ta' anniversarji importanti – ħames snin mit-tkabbir tal-2004, u għoxrin sena mill-waqa' tal-Ħajt ta' Berlin. Ser ikun żmien ta' ċelebrazzjonijiet tas-suċċessi tat-tkabbir, żmien meta l-Unjoni Ewropea tista' turi għal darboħra l-post ċentrali tagħha fil-ħidma tal-bini ta' Ewropa ta' paċi, prosperità u solidarjetà.

2. IL-PRIJORITAJIET GĦALL-2009

2.1. It-Tkabbir u l-Impjiegi

Il-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis ekonomiku poġġew enfasi kbira fuq il-post ċentrali tal-UE fl-assigurazzjoni tal-benessri ekonomiku u soċjali tal-Ewropej. Jekk l-oriġini tal-kriżi finanzjarja tinsab b'mod prinċipali barra l-UE, ir-realitajiet tas-suq uniku poġġew l-attenzjoni fuq l-interdipendenza tal-ekonomiji Ewropej u l-ħtieġa essenzjali għall-approċċ komuni u għall-azzjoni koordinata. L-euro u l-Bank Ċentrali Ewropew servew bħala kolonni ta' stabbilità fi żminijiet ta' prova, imsaħħa mid-dixxiplini tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir.

Hekk kif it-tħassib dar lejn l-impatt tat-tnaqqis tat-tkabbir fuq l-impjiegi u n-negozji, l-UE reġġhet saret il-punt fokali tal-attenzjoni. Id-dimensjoni Ewropea hi rikonoxxuta bħala ċentrali għall-isforzi biex tkun limitata l-iskala tat-tnaqqis, biex jitnaqqas l-impatt fuq l-Ewropej, u biex l-ekonomija Ewropea tkun meġġuna sabiex terġa' lura fit-triq tat-tkabbir sostenibbli.

Il-Kummissjoni għandha rwoli differenti fil-ħajja ekonomika tal-Unjoni Ewropea. Ir-rwol tagħha fil-ħidma ta' kuljum li tiżgura kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni fis-suq uniku u żżomm l-UE bħala unjoni doganali, jipprovdi assigurazzjoni lill-parteciċipanti tas-suq u lill-Istati Membri li jistgħu jikkompetu b'mod ġust, u li l-istess regoli japplikaw għall-Istati Membri żgħar u kbar bl-istess mod. Apparti r-responsabbiltà tagħha bħala inizjatur tal-leġiżlazzjoni, hi għandha wkoll rwol iktar ġenerali bħala koordinatur u sensar sinċier billi tgħin il-ħidma fi ħdan l-UE. Dan ir-rwol kien importanti meta kienet meħtieġa azzjoni immedjata sabiex tkun indirizzata l-kriżi finanzjarja, billi pprova qafas Ewropew biex jiggwida lill-Istati Membri fit-tfassil ta' pjanijiet ta' stabbilizzazzjoni li jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq uniku u mar-regoli tal-ġhajjnuna Statali u billi tqiesu l-interessi kollha. Il-Kummissjoni ser tibqa' attiva u viġilanti hekk kif ix-xogħol ikompli jerġa' jibni l-fiduċja fis-swieq finanzjarji. Ser ikollha rwol partikolari fl-iżvilupp u fil-promozzjoni ta' approċċ Ewropew komuni li jfittex tweġiba internazzjonali għat-taqlib ekonomiku.

Il-fażi ta' ħidma li jmiss se tiffoka fuq miżuri prattiċi li jagħtu forma ġdida lill-qafas regolatorju għas-sistema finanzjarja tal-UE. Il-Kummissjoni għandha wkoll il-kompitu li tippromovi r-reġim regolatorju tajjeb għas-suq uniku, inkluż fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Fil-ħarifa tal-2008, il-Kummissjoni aċċelerat il-ħidma u ppreżentat sensiela ta' proposti dettaljati dwar ir-reqwiżiti tal-kapital, garanziji tad-depożiti u aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu, kif ukoll regoli ġodda fuq il-kontabbiltà. Wieħed mill-għanijiet ewlenin għall-2009 għandu jkun li jinżamm il-pass tar-riforma u biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu meġġuna jiksbu adozzjoni minnufih ta' dawn il-miżuri, li huma essenzjali biex terġa' tinbena l-fiduċja fost iċ-ċittadini, l-investituri u n-negozji.

It-tieni fażi ta' din il-ħidma qed tiġi mħejjija bħalissa u ser tkun ippreżentata fl-2009. Dan il-pakkett ta' miżuri finanzjarji ser ikun riżultat ta' reviżjoni sħiħa u wiesgħa li diġà qed issir, u li tħares lejn l-adeqwatezza tar-regolamentazzjoni, superviżjoni, u trasparenza tal-atturi finanzjarji kollha u tal-investituri importanti kollha fis-suq kapitali – inkluż fondi ta' kopertura u ekwità privata – li jwasslu għall-miżuri sabiex jitneħħa kwalunkwe vojta identifikat. Ser ikopri wkoll remunerazzjoni eżekuttiva, u swieq derivattivi. Ser jasal ukoll għall-konlużjonijiet neċessarji mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-superviżjoni finanzjarja tal-UE stabbilita mill-Kummissjoni. L-ewwel riżultati tal-Grupp ser ikunu lesti biex il-Kummissjoni tippreżenthom lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

Peress li l-impatt tal-kriżi tal-kreditu tinħass mill-ekonomija reali, il-Kummissjoni qed tiżviluppa strateġija biex tgħin tillimita l-effett fuq it-tkabbir, biex tappoġġja dawk li qed jitolfu xogħlhom, u li tpoġġi l-ekonomija tal-UE fl-aħjar forma biex tirreaġixxi meta ċ-ċiklu jdur. Dan ifisser tinsisti bil-ħafna għanijiet importanti tal-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi: tagħti iktar libertà lill-SMEs biex jikkonċentraw fuq il-bini tan-negozju tagħhom, taħriġ u taħriġ ulterjuri biex tippromwovi l-ħiliet it-tajba għall-ekonomija tal-ġejjieni, investment fl-R&D. Dan ifisser li tiżgura li l-appoġġ għall-industrija hu appoġġ intelliġenti, billi tgħin lin-negozji biex jindirizzaw ħtiġijiet fit-tul bħall-effiċjenza tal-enerġija u t-teknoloġija nadifa innovattiva. Dan ifisser ħidma mal-Istati Membri sabiex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni tal-2007-2013 għall-appoġġ tal-investment pubbliku. Il-pedamenti bażiċi ta' finanza pubbliċi tajbin u swieq miftuħa jibqgħu ċentrali għall-prospetti fit-tul tal-Ewropa għat-tkabbir.

F'oqsma oħrajn, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi l-miżuri li jirriżultaw mir-reviżjoni tas-suq uniku. Firxa wiesgħa ta' inizjattivi ser jitressqu bl-għan li jagħtu setgħa lill-konsumaturi, jiffaċilitaw lin-negozji fis-suq uniku permezz ta' approċċi mtejbja lejn it-tassazzjoni, u l-immodernizzar tal-qafas għan-negozju. Eżerċizzji mfasla apposta għall-monitoraġġ tas-suq ser iħarsu lejn is-swieq tal-bejgħ, il-prodotti tal-elettriku u farmaċewtiċi, bil-ħsieb li jkunu

identifikati kwalunkwe problemi fit-tħaddim ta' dawk is-setturi u jkunu żgurati li l-benefiċċji tas-suq uniku jaslu liċ-ċittadini. In-nuqqas ta' privattiv uniku, ta' nfiq effettiv jibqa' difett ċar tas-suq uniku.

Fi żmien ta' inkwiet ekonomiku u pressjoni soċjali, hu importanti iktar minn qatt qabel li l-Aġenda Soċjali għall-Opportunitajiet, Aċċess u Solidarjetà tkun avvanzata. Il-Kummissjoni ser iġġedded l-istrateġija tagħha taż-żgħażaġħ sabiex tirreaġixxi aħjar għall-problemi ffaċċjati miż-żgħażaġħ – bħal pereżempju rata għolja wisq tal-qgħad, u t-tluq kmieni mill-iskola. Parti importanti minn dan l-isforz li jipprovi opportunitajiet hi l-inizjattiva Ħiliet Ġodda għall-Impjiegi Ġodda biex tippromwovi l-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol. Il-Kummissjoni ser tagħmel ukoll sforzi partikolari biex tgħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jersqu 'l quddiem bil-proposti tagħha fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-kunsilli tax-xogħol u l-aħjar bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja.

Is-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni jenfasizzaw l-importanza tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-istrateġija tat-tkabbir u tal-impjiegi tal-UE; inizjattiva biex ittejjeb l-kuntatti bejn l-universitajiet u n-negozji ser issaħħaħ rabta oħra importanti fil-katina. Issa li l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija twaqqaf u qed jaħdem, ser titwaqqaf l-ewwel Komunità għat-Tagħrif u l-Innovazzjoni.

L-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi bniet kunsens dwar biex l-Ewropa titħejja sabiex tilħaq l-isfidi kompetittivi u soċjali tal-ġejjieni u biex l-ekonomija Ewropea tkun fondata fuq il-valuri Ewropej importanti tal-ġustizzja soċjali u tas-sostenibbiltà. It-tnaqqis ekonomiku jeħtieġ li jiġi kkunsidrat, iżda dan m'għandux ifixkel l-UE mix-xogħol fit-tul tagħha li tibni Ewropa kompetittiva, ibbażata fuq l-għarfien u sostenibbli għall-ġejjieni. Id-dħul tas-Slovakkja fiż-żona tal-euro ser ikun simbolu importanti tal-progress tal-euro f'forza maġuri għall-istabbiltà fl-ekonomija globali, u ser jaħbat ma' analiżi ta' ħames snin tal-kontribuzzjoni tat-tkabbir tal-ekonomija tal-UE.

Matul l-2009, il-Kummissjoni ser tkun qed taħdem dwar kif l-istrateġija ta' Liżbona tista' tkun adattata għaż-żmien wara l-2010 u li ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn prijoritajiet ta' żmien qasir u fit-tul ser tkun sfida kruċjali. Huwa meħtieġ impenn ċar biex ikunu implimentati riformi strutturali biex jagħtu spinta lill-kunfidenza tal-konsumatur u tal-investitur fiż-żmien qasir u jtejbu l-irkupru u d-dinamiżmu tal-ekonomiji tagħna fit-tul.

2.2. Il-Bidla fil-Klima u Ewropa Sostenibbli

L-2009 ser tkun sena kritika għall-isforzi tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. Il-Konvenzjoni tan-NU f'Kopenhagen dwar il-bidla fil-klima ser tkun ta' importanza ċentrali fl-ittejtjar tas-soluzzjoni globali biex titwettaq bidla storika: il-kulminazzjoni tal-sforzi sabiex jinftiehem pass enormi fl-isforzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra mill-2012.

Il-Kummissjoni hi mpenjata li tpoġġi l-UE fuq quddiem tal-isforzi biex iżżomm livell għoli ta' ambizzjoni. L-UE mexxiet l-argument billi ftiehmet li għandhom jintlaħqu tliet għanijiet importanti sal-2020. 20% tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, 20% sehem għall-enerġija li tiġġedded, u 20% titjib fl-effiċjenza tal-enerġija. Il-pakkett tal-miżuri li l-iskop tiegħu hu li jwettaq dawn il-għanijiet jibqa' prijorità għolja tal-kredibbiltà tal-Ewropa bħala s-sewwieq mexxej fl-isforzi globali biex tittratta il-bidla fil-klima. It-taqbib ekonomiku attwali m'għamel xejn biex inaqqas l-imperattiv fit-tul ta' elaborazzjoni ta' politiki biex ipoġġu l-Ewropa quddiem nett ta' realizzazzjoni ta' ġejjieni b'livell baxx ta' karbonju. Miżuri biex jistimulaw id-domanda jistgħu jkunu l-aħjar diretti lejn teknoloġija ekoloġika u effiċjenza tal-enerġija. Hija ferm importanti li tkun żgurata l-adozzjoni sħiħa ta' dawn il-miżuri qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Dawn il-miżuri ser ipoġġu l-UE f'pożizzjoni ta' tmexxija fin-negozjati tan-NU – li għadhom ser jeħtieġu determinazzjoni, perseveranza u imajnazzjoni. Fil-bidu tal-2009, il-Kummissjoni ser tippreżenta proposti għall-aproċċi tal-UE għall-assigurazzjoni ta' ftehim globali ambizzjuż u komprensiv.

L-għan importanti l-ieħor tal-pakkett hu li jagħmel l-enerġija Ewropea sigura, sostenibbli u kompetittiva. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fl-2008 reġġet enfasizzat il-vulnerabbiltà tal-Ewropa fit-termini tal-enerġija, u l-ħtieġa kbira biex tippromwovi s-sigurtà tal-enerġija. Ir-Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija tal-Kummissjoni ser tistabilixxi strateġija globali għat-titjib tas-sigurtà tal-enerġija, li għandha tkun fiċ-ċentru ta' attenzjoni kbira għall-2009. Din ser tinkludi elaborazzjoni ta' passi konkreti dwar l-effiċjenza tal-enerġija; il-kisba ta' għan komuni ta' interkonnessjoni u ġestjoni effettiva tal-ħażna, b'mod partikolari sabiex l-Istati Membri l-iktar ġodda huma marbuta man-netwerk Ewropew; u approċċ koordinat dwar it-titjib u d-diversifikazzjoni tal-forniment li ġej lil hinn mill-Unjoni. Din tenfasizza wkoll l-importanza li tiżgura adożzjoni tal-proposti dwar is-suq intern għall-gass u l-elettriku, b'arranġamenti ġodda stabbiliti biex jiżguraw iktar kompetittività u prezzijiet xierqa, u li r-regolaturi nazzjonali jistgħu jaħdmu flimkien.

Is-sostenibbiltà tinsab fil-qalba tal-politika tal-UE. L-2009 ser tara riflessjoni speċifika dwar il-ġejjieni tal-Istrateġija tal-Iżvilupp Sostenibbli u kif l-għanijiet tagħha jistgħu jkunu mwettqa bl-iktar mod effettiv. Fit-termini tal-inizjattivi speċifiċi, strateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku ser tippromwovi reġjun ambjentalment ta' prosperità, sostenibbli, aċċessibbli u sikur. Il-ħidma ta' politika tat-trasport tal-UE iktar ekoloġiku ser titkompla u l-Kummissjoni ser toħroġ Komunikazzjoni dwar xenarji tat-trasport tal-ġejjieni fuq medda ta' 20 sa 40 sena u Green Paper dwar in-netwerks tat-trasport trans-Ewropej. Il-politiki tal-ambjent, tal-agrikoltura u tas-sajd kollha jfittxu li jgħaqqdu sistemi ta' kuljum ta' ġestjoni u verifiki ma' viżjoni fit-tul għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-Ewropa. Barra minn hekk, fl-2009, il-Kummissjoni ser tnedi konsultazzjoni kbira dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd fil-kuntest tal-Politika Marittima Integrata tal-UE, u l-biodiversità ser ikun suġġett importanti. Fl-2009 għandha ssir ukoll l-implimentazzjoni tal-"verifika tas-saħħa" tal-PAK, inkluż il-bidla tal-fondi mill-ħlasijiet diretti għall-iżvilupp rurali sabiex jintlaħqu sfidi ġodda bħall-bidla fil-klima, l-enerġija li tiġġeded, il-ġestjoni tal-ilma u l-biodiversità.

2.3. Ewropa qrib iċ-ċittadini

Din il-Kummissjoni poġġiet iċ-ċittadin Ewropew fil-qalba tal-proġett Ewropew, permezz ta' politiki f'oqsma li huma qrib iċ-ċittadin bħad-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza, il-migrazzjoni, il-ġustizzja, is-sigurtà, il-protezzjoni tal-konsumatur, u s-saħħa.

Bħala tweġiba għall-aspettattivi kbar taċ-ċittadini tal-UE, il-Kummissjoni ser tmexxi 'l quddiem inizjattivi f'oqsma differenti ta' importanza diretta għaċ-ċittadini. Ser jittieħdu miżuri konkreti biex jissaħħa l-infurzar effettiv tar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur għall-konsumaturi madwar l-Ewropa. Is-sigurtà tal-ikel, is-saħħa u l-benessri tal-annimali ser ikunu monitorati b'mod kontinwu, filwaqt li l-Kummissjoni ser tkompli l-ħidma tal-Istrateġija Ewropea tas-Saħħa biex tgħin l-Istati Membri jippromwovu s-saħħa pubblika bl-aħjar mod. Il-Kummissjoni ser teżamina b'mod partikolari xi rwol jista' jkollha l-UE fl-għajjnuna għat-tnaqqis tal-inugwaljanza fis-saħħa madwar l-Ewropa.

Għall-preparazzjoni tal-ġejjieni, fl-2009 ser titkompla l-ħidma fuq il-kwistjonijiet demografiki, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza Ċeka u dik Żvediża. Ser tkun ippreżentata valutazzjoni tat-tneħija tal-UE għall-bidla demografika lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa

Fl-2009, il-Kummissjoni ser tistabbilixxi il-proposti tagħha għal iktar żvilupp tal-UE bħala żona ta' Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja. Dawn jiffurmaw il-bażi ta' diskussjoni mal-Istati Membri, bil-ħsieb li jkun adottat segwitu għall-Programm tal-Aja attwali.

It-twertiq ta' stabbiliment ta' politika komuni tal-immigrazzjoni ser jibqa' prijorità. Fil-Komunikazzjoni reċenti tagħha "Politika Komuni tal-Immigrazzjoni għall-Ewropa: Prinċipji, Azzjonijiet u Għodda"¹, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex twettaq sensiela ta' għanijiet u prinċipji, bi sħubija mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE. Dan l-impenn ser jiggwida l-azzjoni tal-Kummissjoni fl-2009, fejn l-immigrazzjoni għandha tkun integrata bis-siħ fil-politiki iktar wiesgħa tal-UE għat-ktabbir ekonomiku, kompetittività u inklużjoni soċjali. Il-politiki tar-relazzjonijiet esterni għandhom ukoll rwol, permezz tal-promozzjoni ta' sħubiji rinfurzati ma' pajjiżi terzi fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, u rabtiet iktar mill-qrib mal-politiki tal-iżvilupp u tal-kummerċ.

L-2009 ser jara n-Netwerk Ewropew tal-Migrazzjoni mwaqqaf u jaħdem u l-elementi stabbiliti biex jiżguraw it-tlestija tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil sal-2010, inkluż il-ħolqien ta' Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil. Il-Kummissjoni tpoġġi importanza partikolari fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proposti reċenti fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri ser titwettaq permezz ta' iktar kooperazzjoni operazzjonali u t-tnedija ta' mekkaniżmu ġdid ta' valutazzjoni ta' Schengen. Il-Kooperazzjoni Prattika bejn l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u FRONTEX ser tkun ukoll promossa fil-qasam tal-politika ta' ritorn.

Peress li ċ-ċittadini jiċċaqilqu b'mod ħieles madwar l-UE, huma jrid ikollhom aċċess ugwali għall-ġustizzja għall-protezzjoni bl-istat tad-dritt. Dawk li jiksru l-liġi għandhom ikunu mħarrka u mogħtija sentenza. L-UE ser timxi 'l quddiem biex issir żona vera ta' ġustizzja fl-2009 permezz ta' inizjattivi biex ittejjeb rikonossiment reċiproku fi kwistjonijiet kriminali u ċivili f'numru ta' oqsma konkreti (sentenzi, drittijiet proċedurali, suċċessjonijiet u wirt). Biex ittejjeb is-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE, il-Kummissjoni ser tippreżenta wkoll sensiela ta' proposti biex titratta forom ta' kriminalità speċifiċi u ġodda: prevenzjoni ikbar ta' abbuż tat-tfal u traffikar; kooperazzjoni internazzjonali rinfurzata biex tiġġieled u tipprevjeni attackki fuq l-internet; u tiġġieled kontra r-riskju tal-attackki terroristiċi foqasma bħal theddid kimiku, bioloġiku, nukleari u radjoloġiku.

2.4. L-Ewropa bħala Sieħeb Dinji

F'dinja globalizzata, l-għanijiet u l-isfidi imsemmija hawn fuq ma jistgħux ikunu trattati b'mod iżolat fl-Ewropa. Jeħtieġu li jkun indirizzati u proġettati permezz tal-politika esterna tal-EU, li dejjem ser tikkumbina approċċ strateġiku fit-tul mar-reazzjoni tad-domandi immedjati tal-politika barranija.

Fl-2009, il-Kummissjoni ser tkompli tibni r-relazzjoni twila tagħha mal-imsieħba ewlenin. Din l-aħħar sena uriet l-importanza ta' viżjoni komuni mal-Istati Uniti fi żminijiet ta' pressjoni intensa. Uriet ukoll importanza reċiproka ta' relazzjonijiet tajbin mar-Russja u l-iżvilupp ta' politiki effettivi foqasma bħal enerġija, migrazzjoni, kummerċ u investment. Il-kriżi finanzjarja reġġet enfasizzat il-ħtieġa li saħħaħ ir-relazzjoni tal-Ewropa mal-imsieħba ewlenin fl-Ażja bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Ġappun, kif ukoll ma' ekonomiji emerġenti oħrajn bħal Brażil.

Il-kriżi tal-Ġeorġja fis-sajf tal-2008 uriet żewġ bixriet tal-azzjoni esterna tal-UE. L-ewwel nett, uriet li l-Unjoni Ewropea hi meqjusa bħala forza pożittiva għall-prevenzjoni tal-konflitt u r-resoluzzjoni, kapaċi li taġixxi bħala forza medjatika fis-sitwazzjonijiet l-iktar ta' tensjoni. It-

¹ KUMM(2008) 359 finali u SEG(2008) 2026 finali.

tieni nett, reġgħet obligat l-UE biex taġġixxi malajr u b'mod deċiżiv, mhux biss permezz ta' mezzi diplomatiċi iżda billi għib għajnuna umanitarja tanġibbli lil dawk li qegħdin fil-bżonn.

Xahrejn wara, il-kriżi finanzjarja reġgħet poġġiet l-enfasi fuq kif l-UE saret attur kruċjali fi żminijiet meta hu meħtieġ approċċ globali ta' vera. Il-Kummissjoni ser tkompli jkollha rwol ċentrali hekk kif tiżviluppa s-sensjela ta' summits internazzjonali, timmira kemm ir-restorazzjoni tal-kunfidenza fis-sistema finanzjarja internazzjonali u r-riflessjoni fit-tul fuq l-iffurmar tal-governanza ekonomika globali.

Il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari lil:

- It-twettiq tal-proċess ta' tkabbir, b'negozjati mal-Kroazja b'mod partikolari d-dħul tal-fażi deċiżiva. Il-perspettiva Ewropea għall-pajjiżi l-oħrajn tal-Balkani tal-Punent ser tkun żviluppata, u n-negozjati ta' aċċessjoni mat-Turkija ser jibqgħu konformi mal-pass tar-riformi interni. Il-Kummissjoni ser tkompli wkoll tagħti attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ekonomiku u politiku tal-Kosovo.
- Il-ħidma biex tkun żviluppat il-Proċess ta' Barċellona: l-Unjoni Mediterranja u l-Isħubija tal-Lvant huma rikonoxximent ieħor tal-importanza ta' relazzjoni effettiva u komprensiva mal-viceinat tal-UE. Sfidi bħas-sigurtà tal-enerġija, il-migrazzjoni u l-bidla fil-klima jistgħu jintlaħqu aħjar jekk aħna nibnu r-relazzjoni t-tajba mal-viceinat tal-Ewropa. Fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Kummissjoni ser tiżviluppa ideat li ser jgħinu jigwidaw l-UE lejn il-bilanċ it-tajjeb bejn relazzjoni ekonomika u politika imtejba mal-viceinat globali, u l-ħtieġa li r-relazzjonijiet ikunu adattati għall-reġjuni differenti u msieħba differenti.
- Il-bini ta' sħubija ta' ħidma effettiva mal-amministrazzjoni Amerikana ġdida li ser tkun ta' importanza kruċjali fil-ġlieda kontra sfidi globali ewlenin bħal bidla fil-klima, permezz ta' promozzjoni ta' sigurtà u stabbiltà u permezz ta' żvilupp ta' kooperazzjoni ekonomika u regolatorja.
- It-tlestija tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp ser tibqa' prijorità għolja bħala wieħed mill-aħjar modi kif in-negozji tal-UE jingħataw opportunitajiet ta' swieq ġodda, jinkoraġġixxi l-iżvilupp u jillimita l-protezzjoniżmu madwar id-dinja kollha. Fl-istess ħin, l-UE ser tkompli tavanza u, jekk ikun possibbli, tagħlaq negozjati kurrenti ta' kummerċ bilaterali.
- Il-kisba ta' relazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw bbażata fuq it-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-bini ta' alleanzi magħhom fuq kwistjonijiet globali li ħafna drabi jaffetwhom b'mod sever, bħal pereżempju s-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, il-bidla fil-klima u l-migrazzjoni. Il-Kummissjoni ser tkompli tfittex li tissupplimenta r-relazzjonijiet stabbiliti mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

3. REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR – IT-TWETTIQ TAL-WEGHDJET U BIDLA FIL-KULTURA REGOLATORJA

Fl-isfond tal-kriżi finanzjarja u s-sitwazzjoni ekonomika, il-ħtieġa li tirregola sew fl-interessi tal-kompetittività ekonomika hi iktar importanti minn qatt qabel. B'hekk il-promozzjoni ta' ambjent regolatorju iktar faċli u aħjar mingħajr piż amministrattiv żejjed ser, tibqa' komponent importanti fil-ħidma leġislattiva tal-Kummissjoni fl-2009. L-enfasi ser tkun fuq it-titjib tal-kwalità ta' proposti ġodda, is-simplifikar ta' leġislazzjoni eżistenti u t-tnaqqis ta' piż amministrattiv. Bħal dejjem, is-suċċess ta' dawn l-isforzi ser jiddependu fuq il-kooperazzjoni tajba mal-istituzzjonijiet oħrajn u l-Istati Membri. L-UE ser tmexxi 'l quddiem id-

diskussjonijiet ma' imsieħba ewlenin dwar il-kooperazzjoni regolatorja, il-konverġenza ta' standards u l-ekwivalenza tar-regoli.

It-Tielet Reviżjoni Strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar ser tirraporta fuq tliet komponenti importanti tal-Aġenda għall-Regolamentazzjoni Aħjar – valutazzjoni tal-impatt, simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż amministrattiv. Ser tħares lejn kif il-Kummissjoni ser issaħħaħ is-sistema tal-impatt tagħha, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-Linji gwida reveduti u billi tirrevedi l-Approċċ Komuni tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' Novembru 2005. L-istrateġija għas-simplifikar tal-ambjent regolatorju kif ukoll il-programm ta' kodifikazzjoni ser ikunu rivedutu u aġġornati. Fl-istess ħin, ser ssir ir-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni għat-tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi u ser jiġi valutat il-progress lejn l-ilħuq tal-għan ta' tnaqqis ta' 25% sal-2012. Fuq dik il-bażi u l-bini ta' ħidma interna intensiva u l-input mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Involuti Indipendenti dwar il-piżijiet amministrattivi, il-Kummissjoni ser tippreżenta proposti li l-ħsieb tagħhom hu li jilhqqu dan l-għan.

Fil-bidu ta' dan il-mandat fl-2004, il-Kummissjoni eżaminat proposti pendenti għar-relevanza tagħhom għall-għanijiet politiki u għall-konformità għal standards għal regolamentazzjoni aħjar u qablet ma' lista sustanzjali ta' rtirar. Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi li s-suċċessur tagħha jwettaq eżerċizzju simili. Is-CLWP tinkludi proposti pendenti addizzjonali li l-Kummissjoni biħsiebha tirtira.

Ser titkompla l-ħidma dwar it-titjib tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità. Il-proġett pilota mniedi f'April 2008 bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar l-għoti tal-informazzjoni, is-soluzzjoni tal-problemi u l-korrezzjoni ta' ksur ser ikunu evalwati.

4. NIKKOMUNIKAW L-EWROPA

It-tnaqqis ekonomiku u l-fatt li r-ratiffika tat-Trattat ta' Liżbona għadha mhix lesta għalkollox jikkonfermaw il-ħtieġa li l-komunikazzjoni tkun iffukata fuq riżultati tanġibbli miġjuba mill-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq kwistjonijiet ta' interess speċifiku tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

L-2009 ser tkun l-ewwel sena li l-prijoritajiet interistituzzjonali ser ikunu miftehma mill-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni taħt id-dikjarazzjoni konġunta dwar Nikkomunikaw l-Ewropa fi Šhubija. Bi 375 miljun votanti li jridu jkunu mobilizzati, l-elezzjonijiet tal-PE ser ikunu il-prijorità ewlenija tal-komunikazzjoni interistituzzjonali miftehma mit-tliet istituzzjonijiet. L-attivitajiet tal-komunikazzjoni ser jimmirraw b'mod partikolari udjenza li hi inqas impenjata bi kwistjonijiet tal-UE bħal pereżempju żgħażagħ, nisa, u l-persuni qiegħda.

Il-koordinazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri ser tkun ukoll kruċjali għall-komunikazzjoni tal-progress fil-pakkett tal-enerġija-bidla fil-klima fil-perspettiva tal-konferenza ta' Kopenhagen ta' Diċembru 2009, kif ukoll l-għoxrin anniversarju tal-bidla demokratika fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Taħt dan it-titlu ġenerali, il-Kummissjoni ser tiffoka fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-għoxrin anniversarju tal-waqa' tal-Ħajt ta' Berlin/Purtiera tal-Ħadid kif ukoll il-ħames anniversarju tat-tkabbir tal-2004, sabiex tenfasizza l-valuri komuni u r-rabtiet bejn l-Ewropej bħad-demokrazija, il-libertà u s-solidarjetà.

Fl-aħħar nett, hekk kif l-UE titratta l-kriżi finanzjarja u l-konsegwenzi tagħha fl-ekonomija ikbar, il-komunikazzjoni fuq l-approċċi tas-šhubija lejn tkabbir sostenibbli, impjiegi u solidarjetà ser tkun prijorità importanti għat-tliet istituzzjonijiet.

Il-prijoritajiet addizzjonali tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni huma ffukati fuq l-ispjegazzjoni tal-valur miżjud tal-UE f'oqsma fejn ċ-ċittadini urew iktar it-tħassib tagħhom: sigurtà in ġenerali u l-ħtieġa għal Ewropa iktar b'saħħitha fid-dinja.

Il-prijoritajiet tal-komunikazzjoni inter-istituzzjonali previsti għall-2009

- L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2009
- L-Enerġija u l-Bidla fil-Klima
- L-għoxrin Anniversarju tal-bidla demokratika fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.
- Appoġġ għat-Tkabbir, Impjiegi u Solidarjeta

Prijoritajiet oħrajn tal-komunikazzjoni previsti għall-2009

- Ġejjieni ta' Ewropa għaċ-ċittadini
- L-Ewropa fid-Dinja

Peress li l-2009 ser tkun is-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni, ser tingħata attenzjoni partikolari lil dan is-suġġett fil-kuntest tal-prijorità tal-Komunikazzjoni tal-Appoġġ għat-Tkabbir, Impjiegi u Solidarejta.

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.11.2008
KUMM(2008) 712 finali

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009

Naġixxu issa għal Ewropa aħjar

VOLUM 2: ANNESSI

ANNEX 1 – Lista ta' inizjattivi strateġiċi u ta' prijorità

INIZJATTIVI STRATEĠIĊI

| Titlu | Tip ta' proposta jew att | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-għanijiet |
|---|---|---|
| L-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | Il-Komunikazzjoni se tirrapporta dwar f'liema stadju tinsab l-implimentazzjoni tar-riformi fl-Istat Membri u fl-UE inġenerali u se jkun fiha proposti dwar is-sura tal-istrateġija ta' wara l-2010. |
| Il-Qafas Ewropew għall-irkupru | Miżuri leġiżlattivi u oħrajn li mhumiex/għadhom iridu jiġu ffinalizzati | Il-Kummissjoni se timplimenta miżuri stabbiliti fil-pakkett tal-Istrateġija ta' Liżbona tal-2008 fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa. Se tiffoka b'mod partikolari fuq miżuri maħsuba biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi fuq l-aspetti aktar ġenerali tal-ekonomija. |
| Il-Pakkett dwar is-Swieq Finanzjarji għall-ġejjieni | Miżuri leġiżlattivi/għadhom iridu jiġu ffinalizzati | Dan il-pakkett ta' miżuri finanzjarji se joħroġ minn analiżi wiesgħa li diġà tinsab għaddejja b'ħarsa lejn is-suffiċjenza tar-regolament, tal-kontroll, u tat-trasparenza tal-atturi finanzjarji kollha u l-investituri sinifikanti kollha fis-suq kapitali – inkluż il-fondi ta' kopertura u l-ekwità privata – u jwassal għal miżuri biex jimtela kwalunkwe vojta identifikat. Se jkopri wkoll ir-remunerazzjoni eżekuttiva, u s-swieq derivattivi. Se jikkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'dan il-qasam. |
| Is-sorveljanza tas-swieq finanzjarji tal-UE | Miżuri leġiżlattivi/għadhom iridu jiġu ffinalizzati | Il-Kummissjoni se twieġeb għar-rakkomandazzjonijiet tal-Larosière Group dwar is-sorveljanza tas-swieq finanzjarji tal-UE. |
| Il-Pakkett ta' Regolamentazzjoni Aħjar: a) Il-Komunikazzjoni li tirrapporta dwar il-kejl tal-piż | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal- | It-Tielet Reviżjoni Strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar se tirrapporta dwar it-tliet komponenti fil-qalba tal-Aġenda tar-Regolamentazzjoni Aħjar – valutazzjoni tal-impatt, simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Se jkollha l-għan li ssaħħaħ is-sistema tal-valutazzjoni tal-impatt. L-istrateġija għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju se tiġi riveduta u aġġornata flimkien mal-programm ta' kodifikazzjoni. Fl-istess ħin, se ssir ir- |

| | | |
|---|---|--|
| <p>amministrattiv u l-iffissar ta' miri għal tnaqqis settorjali</p> <p>b) it-Tielet Rapport dwar l-Istrateġija ta' Simplifikazzjoni</p> | <p>Kummissjoni</p> <p>b) Azzjoni mhux leġislattiva / Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni</p> | <p>reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni għat-tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi u se jiġi evalwat il-progress lejn il-kisba tal-mira għal tnaqqis ta' 25%. Il-Kummissjoni se tagħmel proposti ulterjuri ddisinjati biex inaqqsi l-piżijiet amministrattivi.</p> |
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-UE fit-tnejn għall-Konferenza ta' Kopenhagen COP-15 dwar it-Tibdil fil-Klima.</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Din il-Komunikazzjoni se tikkjarifika ulterjorment it-triq lejn il-kisba tal-għan tal-UE li ż-żieda fit-temperatura globali tkun limitata għal 2°C aktar mil-livelli preindustrijali u se tippreżenta l-fehmiet tal-UE fuq id-diversi għażliet biex il-pajjiżi kollha jimpenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni ulterjuri kontra t-tibdil fil-klima, inkluż għażliet ta' investiment/finanzjament. Din se ssawwar pożizzjoni komprensiva tal-UE qabel il-Konferenza dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU f'Kopenhagen f'Novembru 2009.</p> |
| <p>L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Fis-segwitu tal-istedina tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni se tressaq strateġija komprensiva għar-reġjun tal-Baħar Baltiku.</p> |
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Din l-inizjattiva se tressaq il-prijoritajiet u l-għanijiet komuni għall-iżvilupp ġejjieni tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, biex jiġu stabbiliti l-mezzi u jiġu pplanati l-inizjattivi dwar kif dawn jistgħu jinkisbu l-aħjar, fil-livell tal-UE. Se tibni fuq dokumenti strateġiċi ewlenin bħall-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil, il-Komunikazzjonijiet tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil, il-Komunikazzjoni dwar il-ġustizzja elettronika (e-justice) u l-Pjan ta' azzjoni dwar id-drogi.</p> |
| <p>L-Istrateġija u l-Isfidi tat-Tkabbir</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>F1-2009, il-Kummissjoni se tieħu azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-kunsens imġedded favur it-tkabbir, inkluża t-talba li saret mill-Kunsill biex jitħaffef il-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.</p> |

| | | |
|------------------------|--|---|
| Il-Pakkett tal-PEV | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | Il-pakkett se jinkludi Komunikazzjoni li tiġbor taħtha diversi komunikazzjonijiet u 12-il pjan ta' azzjoni. |
| Ir-Reviżjoni tal-Baġit | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | L-għan hu li jiġu eżaminati liema riformi huma meħtieġa biex tinkiseb l-aħjar kontribuzzjoni Ewropea fl-indirizzar tal-isfidi prinċipali fl-għaxar snin li ġejjin, abbażi tal-prinċipji tal-valur miżjud fit-twettiq tal-interess komuni u l-effikaċja tal-infiq, u kif għandha tiġi ffinanzjata din il-kontribuzzjoni. Din l-analiżi se tkun kontribut importanti għal proposti li ser jitressqu mill-Kummissjoni li jmiss għal qafas finanzjarju multiannwali |

(12-il inizjattiva)

INIZJATTIVI TA' PRIJORITÀ

| Titlu | Tip ta' proposta jew att | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-għanijiet |
|--|---|---|
| It-tneħħija ta' piżijiet ta' kontabilità għan-negozji ż-żgħar | Azzjoni leġislattiva / Direttiva Bażi legali: it-Trattat KE, l-art. 95 | Din il-proposta tfittex li tneħħi piżijiet amministrattivi fuq negozji żgħar fil-qasam tal-kontabilità, inkluża eżenzjoni għall-aktar negozji żgħar. |
| Ir-Rakkomandazzjoni dwar Sħubijiet fl-implimentazzjoni tas-suq Uniku | Azzjoni mhux leġislattiva/ Rakkomandazzjoni | L-inizjattiva hija waħda li tista' ssir taħt il-Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni tas-Suq Uniku (RSU) ppubblikata f'Novembru 2007. L-għan prinċipali huwa li jiġu identifikati l-“prassi t-tajba” u jiġu fformulati azzjonijiet irrakkomandati li jiġu implimentati mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, fid-diversi kompiti li l-Istati Membri huma responsabbli fir-rigward tat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-suq uniku. L-azzjonijiet irrakkomandati u l-“prassi t-tajba” qegħdin jiġu żviluppatti fi proċess mill-qiegħ 'il fuq, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. |
| Il-Komunikazzjoni dwar l-Infurzar tal-acquis dwar il-konsumatur | Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | L-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni turi li l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar il-konsumatur xejn mhija uniformi. Filwaqt li tibni fuq kooperazzjoni mal-Istati Membri taħt ir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni għall-Ħarsien tal-Konsumatur (KHK), il-komunikazzjoni se tindirizza modi kif l-infurzar jista' jissaħħaħ għal riżultati favorevoli għall-konsumatur, partikolarment dwar kwistjonijiet transkonfinali. |
| Il-Komunikazzjoni dwar il-Monitoraġġ tas-Settur tal-Bejgħ bl-Imnut | Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | Il-Komunikazzjoni se tispjega s-sejbiet tal-monitoraġġ tas-suq imħabbra mir-Reviżjoni tas-Suq Uniku (RSU) fis-swieq tat-tqassim bl-imqiegħ. L-għan ta' dan l-eżerċizzju ta' monitoraġġ huwa li jidentifika tħaddim ħażin tas-suq fis-settur tal-bejgħ bl-imnut kemm mill-perspettiva tal-konsumaturi kif ukoll minn dik tal-fornituri. Dan ifisser li s-servizzi tal-bejgħ bl-imnut se jkunu analizzati bħala servizzi intermedjarji fl-ekonomija moderna, li jaġixxu bħala kanal bejn eluf ta' fornituri ta' prdotti u l-konsumaturi finali. Il-Komunikazzjoni se tkopri kemm is-settur tal-bejgħ bl-imnut kif ukoll is-swieq fl-istadju |

| | | |
|---|--|--|
| | | ta' qabel u ta' wara l-produzzjoni u d-distribuzzjoni (<i>upstream</i> u <i>downstream</i>). |
| Ir-Reviżjoni tad-Direttiva 2000/35 tal-PE u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali | Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: it-Trattat KE, l-art. 95 | Il-leġiżlazzjoni eżistenti għandha tkun riveduta sabiex isiru passi 'l quddiem fl-iżvilupp ta' ambjent kummerċjali li jwassal għall-ħlas f' waqtu tad-djun kummerċjali sabiex tittejjeb il-kompetittività, partikolarment għall-SMEs, b'enfasi partikolari fuq it-tranżazzjonijiet kummerċjali transkonfinali. |
| Is-segwitu ta' inizjattivi għall-White Paper dwar Azzjoni Legali għad-danni kkawżati mill-ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust | Għadhom mhux stabbiliti | Il-White Paper dwar l-azzjonijiet legali għad-danni kkawżati mill-antitrust billi jiġu stabbiliti rakkomandazzjonijiet konkreti għal sistema effettiva ta' rimedju għal vittmi ta' ksur tal-antritrust fl-Ewropa. It-Trattat tal-KE jiggarantixxi li dawn il-vittmi jkollhom id-dritt għal kumpens. B'mod partikolari, huma ċ-ċittadini u n-negozji ta' daqs żgħir u medju li jistgħu jsofru dannu li bħalissa mhux ikkumpensat. Il-Kummissjoni tikkunsidra xieraq il-fatt li tissuġġerixxi miżuri ta' segwitu. |
| Il-Komunikazzjoni dwar il-politika ta' kwalità tal-prodotti agrikoli | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | Il-Komunikazzjoni se tippreżenta għażliet għall-iżvilupp ta' strumenti tal-politika ta' kwalità tal-prodotti agrikoli, imfassla fid-dawl tar-riżultati ta' reazzjonijiet għall-Green Paper dwar il-politika ta' kwalità tal-prodotti agrikoli. Il-Komunikazzjoni se tifrex il-pedament għal aktar proposti speċifiċi li jistgħu jitressqu 'l quddiem fl-2010 u li jista' jkun li jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin: ir-rekwiżiti u l-istandards li jiġu ssodisfati mill-bdiewa li jmorru lil himm mill-iġjene u s-sikurezza, l-istandards ta' kummerċjalizzazzjonir tal-UE, l-iskemi ta' kwalità tal-UE (speċjalment dawk marbuta mal-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ispeċilitajiet tradizzjonali garantiti) u skemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ikel. |
| Il-Green Paper dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Green Paper | Il-Politika Komuni tas-Sajd hija soġġetta għal reviżjoni sa mhux aktar tard mill-2012. Biex titħejja r-riforma, fl-2009 se jinfetaħ dibattitu pubbliku li jwassal għal proposta tard fl-2010. |

| | | |
|---|---|--|
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar id-Dialogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>L-universitajiet joperaw fil-qalba nett tat-trijanglu tal-għarfien: l-educazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Huwa għandhom rwol kruċjali fil-ħolqien ta' Ewropa ta' għarfien u jridu jinfetħu aktar għall-ħtiġiet tas-soċjetà. Il-Komunikazzjoni se tfassal prassi tajba u se tipproponi orjentazzjonijiet u strutturi għal kooperazzjoni aħjar u eqreb bejn l-universitajiet u n-negozji, biex jitnaqqsu l-ostakli bejn l-universitajiet u l-impriżi, tittejjeb il-governanza, tissaħħaħ ir-relevanza tal-kurrikula, biex l-universitajiet u l-istudenti jsiru aktar imprenditorjali, tiżdied il-mobbiltà u jiġi żviluppat u jissaħħaħ ir-rwol tal-universitajiet fit-tagħlim tul il-ħajja.</p> |
| <p>Il-Green Paper dwar il-promozzjoni tal-mobbiltà transkonfinali għaż-żgħażaġħ</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva/Green Paper</p> | <p>Il-Green Paper se tkun il-punt ta' tluq ta' inizjattiva li tfittex li tiżviluppa mobbiltà lil hinn mill-programm Erasmus. Se tistieden lil partijiet interessati biex jinvolvu ruħhom f'dibattitu dwar modi ġodda possibbli li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw il-mobbiltà transkonfinali taż-żgħażaġħ. L-ambitu tal-inizjattiva jinkludi s-settur universitarju iżda jmur lil hinn billi jinkludi liż-żgħażaġħ b'mod aktar ġenerali, pereżempju fit-taħriġ vokazzjonali, it-tagħlim tal-adulti u l-attività volontarja u fost imprendituri żgħar u s-settur tal-kultura.</p> |
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar l-ICT R&D u l-Innovazzjoni</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>L-għanijiet tal-Kummissjoni huma li tipproponi strateġija ta' riċerka u innovazzjoni tal-ICT li twassal biex l-Ewropa tkun fuq quddiem nett fl-iżviluppi tal-ICT, biex issostni t-tkabbir ta' negozji ġodda u biex isir użu aħjar mill-innovazzjonijiet tal-ICT għall-indirizzar ta' sfidi soċjoekonomiċi ewlenin.</p> |
| <p>It-Tieni Komunikazzjoni dwar l-ICT għall-Użu Effiċjenti tal-Enerġija</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Il-Komunikazzjoni ssegwi l-ewwel Komunikazzjoni CON(2008) 241 tat-13 ta' Mejju, u se tgħin biex jiġi kkwantifikat il-potenzjal tal-ICTs fil-kontribuzzjoni għal titjib fl-użu effiċjenti tal-enerġija madwar l-ekonomija u jidentifikaw l-azzjonijiet li jistgħu jgħinu fl-iżgurar li dan il-potenzjal jintuża bis-sħiħ.</p> |

| | | |
|---|---|---|
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar il-Finanzjament għal Teknoloġiji b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju</p> | <p>Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Il-Komunikazzjoni ser tindirizza ħtiġijiet u sorsi ta' riżorsi, teżamina l-modi kollha li bihom jista' jitqajjem l-investment privat, inklużi l-ekwità privata u l-kapital ta' riskju, ittejjeb il-koordinazzjoni bejn is-sorsi tal-finanzjament u tiġġenera fondi ġodda. B'mod partikolari, ser teżamina l-opportunità li jinħolqu mekkaniżmi ġodda għad-dimostrazzjoni fuq skala industrijali u r-replikazzjoni fis-suq ta' teknoloġiji avvanzati b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u ser tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' inċentivi fiskali għall-innovazzjoni.</p> |
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar il-ġejjieni tat-trasport</p> | <p>Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Din l-inizjattiva hija marbuta mal-White Paper dwar it-Trasport tal-2001 u r-Reviżjoni Intermedja tagħha tal-2006. L-għan tal-inizjattiva huwa li tistimola dibattitu wiesa' dwar ix-xenarji tat-trasport fuq medda ta' żmien ta' bejn 20 u 40 sena, u li jiġu żviluppati strumenti u jiġu pprovdut sostenn tekniku għal approċċ sostenibbli u globali lejn it-trasport, li se jwassal biex jiġu identifikati problemi u opportunitajiet li se jkunu jeħtieġu azzjoni minn issa sal-2050.</p> |
| <p>Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Brussell I)</p> | <p>Proposta Leġiżlattiva/Regolament Bażi legali: it-Trattat KE, l-art. 65</p> | <p>L-għanijiet ta' din l-inizjattiva huma:</p> <ul style="list-style-type: none"> • l-iżgurar ta' ċirkolazzjoni ħielsa tas-sentenzi kollha f' kwistjonijiet ċivili u kummerċjali billi nersqu lejn it-tneħħija tal-exequatur fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali; • l-adattament tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għal strumenti intenazzjonali ġodda fil-qassam ikkonċernat, bħall-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-għażla esklussiva ta' ftehimiet tal-qorti; • it-titjib tal-operat ta' dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament fejn instabu problemi fl-applikazzjoni tagħhom. • it-tiŝhih tal-kooperazzjoni effettiva bejn il-qrati; kif ukoll • it-twaqqif ta' sistema sħiħa u armonizzata li tiddeċiedi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati u li tiffaċilita r-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. |
| <p>Il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-</p> | <p>Proposta Leġiżlattiva/Regolam</p> | <p>Fost il-kompiti tiegħu, l-uffiċċju Ewropew għall-Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil se jipprovdi għajjnuna prattika lill-Istati Membri fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar talbiet għal ażil,</p> |

| | | |
|--|--|---|
| <p>Kunsill li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew għall-Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil</p> | <p>ent Bażi legali: it-Trattat KE, l-art. 66 u /jew 308</p> | <p>speċjalment billi jaħdem fuq approċċ komuni dwar l-Infurmazzjoni tal-Pajjiż ta' Orìġini u dwar il-ħolqien ta' Kurrikulu Ewropew komuni dwar l-Ażil.</p> |
| <p>Il-Pakkett kontra l-kriminalità organizzata: għajna lill-vittmi</p> <p>a) Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal</p> <p>b) Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi</p> <p>c) Deċiżjoni qafas dwar l-għoti ta' għajna lill-vittmi tal-kriminalità fl-UE</p> <p>d) Emenda tad-Direttiva dwar il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità</p> <p>e) Miżuri għall-ġlieda kontra</p> | <p>a) Proposta Leġiżlattiva/Deċiżjon i Qafas (ĠAI). Bażi legali: It-Trattat tal-UE, l-Art. 29, 31, 34</p> <p>b) Proposta Leġiżlattiva/Deċiżjon i Qafas (ĠAI). Bażi legali: It-Trattat tal-UE, Art. 29, 31(e) u 34(2)(b)</p> <p>c) Proposta Leġiżlattiva/Deċiżjon i Qafas (ĠAI). Bażi legali: It-Trattat tal-UE, l-Art. 31</p> <p>d) Proposta Leġiżlattiva/Direttiva Bażi legali: It-Trattat tal-KE, l-Art. 65</p> <p>e) Proposta Leġiżlattiva/Deċiżjon</p> | <p>Dan il-pakkett se jinkoraġġixxi l-prosekuzzjoni ta' min iwettaq reat u l-protezzjoni tal-vittmi, partikolarment dawk l-aktar vulnerabbli, b'enfasi speċjali fuq it-tfal.</p> <p>a) F'konformità mal-politika ġenerali dwar il-ħarsien tat-tfal, il-proposta għandha tgħolli l-livell tal-ħarsien tat-tfal li bħalissa jingħata skont FD 2004/68/ĠAI kontra l-abbuż sesswali, b'mod partikolari taħt il-forma ta' esplojtazzjoni sesswali u pornografija tat-tfal. Huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat fenomenu kriminali ġdid u jiġu inkorporati dispożizzjonijiet ġodda, biex b'hekk il-leġiżlazzjoni tal-UE ssir konformi mal-ogħla standards internazzjonali.</p> <p>b) Il-proposta għandha ssaħħaħ il-prosekuzzjoni, il-mekkaniżmi ta' appoġġ lill-vittmi, u d-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, partikolarment ta' vittmi vulnerabbli, b'enfasi speċjali u b'perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi.</p> <p>c) Id-DQ tal-2001 dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fi proċedimenti kriminali mhix waħda sodisfaċenti u ma ġietx implimentata b'mod tajjeb. Qed tiġi ssuġġerita DQ ġdida biex b'hekk il-vittmi tal-kriminalità jkun jista' jingħatalhom l-għajna meħtieġa b'mod aħjar, fl-Istati Membri kollha tal-UE.</p> <p>d) L-għan ewlieni tal-politika huwa li jingħataw soluzzjonijiet li jsaħħu ċ-ċertezza legali u l-flessibbiltà u li jissodisfaw l-istennijiet leġittimi taċ-ċittadini.</p> <p>e) Sabiex tingħata tweġiba għall-attakki reċenti kontra l-infrastrutturi ta' infurmazzjoni kritika f'xi Stati Membri, se jkun hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti kriterji komuni tal-liġi</p> |

| | | |
|---|---|--|
| <p>ċ-ċiberkriminalità</p> | <p>i Qafas (ĠAI). Bażi legali: it-Trattat tal-UE, Artikolu 29, 30 31 u 34</p> | <p>kriminali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda u l-prevenzjoni ta' attakki ċibernetiċi. Dan jirrigwarda b'mod partikolari l-“botnets” u strumenti oħrajn li jintużaw biex isiru attakki kriminali ta' skala kbira.</p> |
| <p>Il-Pakkett ta' kontra t-terroriżmu:</p> <p>a) Il-Komunikazzjoni dwar it-theddid ta' KBNR (kimiċi, bijoloġiċi, nukleari u radjoloġiċi)</p> <p>b) Il-Komunikazzjoni dwar it-tnejja kontra theddid bioloġiku</p> <p>c) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tnaqqis tar-Riskju Radjoloġiku/Nukleari fl-Unjoni Ewropea</p> <p>d) Prassi tajba fil-prevenzjoni ta' inċidenti tas-KBNR, kif ukoll fil-prevenzjoni u l-iskoperta tagħhom</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komuni kazzjonijiet tal-Kummissjoni</p> | <p>Dan il-pakkett se jindika liema politiki jistgħu jinbdew fl-indirizzar tat-theddid minn KBNR fil-livell tal-UE, inkluż mezz tekniki/xjentifiċi li jistgħu jintużaw mit-terroristi biex iwettqu l-attaki tagħhom.</p> <p>L-għan huwa li jiġi żgurat li, fil-livell Ewropew, isir dak kollu possibbli biex terroristi jew aspiranti ma jkollhomx aċċess għal armi jew sustanzi radjoloġiċi, bioloġiċi jew kimiċi.</p> |
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku fi Kwistjonijiet Kriminali u Ċivili</p> | <p>Azzjoni mhux leġislattiva / Komuni kazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Din l-inizjattiva tkun ta' segwitu għal studju dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku, b'suġġerimenti dwar it-triq 'il quddiem, inkluż dwar miżuri leġislattivi u ta' sostenn (pjan ta' azzjoni).</p> <p>L-għan ewlieni tal-inizjattiva huwa li jiġu indirizzati l-problemi orizzontali li jinqalġu fl-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u n-nuqqasijiet fis-sistema attwali ta' kooperazzjoni fi kwistjonijiet kriminali.</p> |

| | | |
|--|---|---|
| L-Istrumenti legali dwar drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali | Proposta Leġiżlattiva/Deċiżjon i Qafas (ĠAI) Bażi legali: it-Trattat tal-UE, l-Art. 31(1)c | Din l-inizjattiva għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi komuni biex tiżgura proċessi ġusti u b'hekk tippromwovi l-fiduċja reċiproka li twassal għall-iffaċilitar tar-rikonoxximent reċiproku. Il-ħtieġa għal standards minimi komuni għad-drittijiet ta' difiża toħroġ mir-rikonoxximent reċiproku li ma tistax topera b' mod effettiv jekk l-Istati Membri ma jafdawx is-sistemi tal-ġustizzja ta' xulxin. |
| Il-Komunikazzjoni dwar id-Djalogu Soċjali Settorjali | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komuni kazzjoni tal-Kummissjoni | L-għan tal-Kummissjoni huwa li tanalizza u tivvaluta l-iżvilupp tad-Djalogu Soċjali Settorjali sa mill-1998 u fejn xieraq, tipproponi modifiki. |
| Is-Solidarjetà fis-saħħa: It-Tnaqqis tal-Inugwaljanzi fis-settur tas-Saħħa fl-UE | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komuni kazzjoni tal-Kummissjoni | Bħalissa huma biss ftit dawk il-pajjiżi li stabbilixxew miżuri ċari biex inaqqsi l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa. Il-Komunikazzjoni tfittex li tqajjem għarfien filwaqt li l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa jsiru politika prijoritarja fil-pajjiżi kollha tal-UE. Hija ser tappoġġja lill-Istati Membri fl-azzjonijiet tagħhom li jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa, speċjalment permezz tal-fondi strutturali u l-iskambju ta' prassi tajba, u tgħin biex jittejjebu l-mekkaniżmu eżistenti biex isir monitoraġġ tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa madwar l-UE, filwaqt li l-għan tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa jiġi inkorporat f'politiki tal-UE. |
| L-Azzjoni kontra l-kanċer: Pjattaforma Ewropea | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komuni kazzjoni tal-Kummissjoni | Tiġi stabbilita pjattaforma Ewropea li tinkludi diversi partijiet interessati, li timpenja partijiet interessati fil-livelli kollha (UE, nazzjonali, reġjonali, lokali) għal azzjoni kontra l-Kanċer, bħala mudell għal mard li ma jittiħidx inġenerali, li tkopri kwistjonijiet bħal: <ul style="list-style-type: none"> • dejta paragunabbli u evidenza għall-appoġġ tat-tagħlim u l-iskambju tal-għarfien; • prijoritajiet għar-riċerka tal-kanċer; • prevenzjoni (eż. permezz tal-ġlieda kontra t-tabakk u t-tishiġ tal-iscreening għall-kanċer); • l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' prassi tajba fil-kura tas-saħħa marbuta mal-kanċer madwar l-Ewropa; • l-aġġornament tal-“Kodiċi Ewropew kontra l-Kanċer” li joffri rakkomandazzjonijiet konkreti fuq bażi xjentifika liċ-ċittadini biex jitnaqqas ir-riskju tal-kanċer. |

| | | |
|---|---|--|
| <p>Il-Proposta għal inizzjattiva tal-Kummissjoni dwar l-Alzheimer</p> | <p>Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Isiru proposti għal orjentazzjonijiet għal azzjoni Ewropea biex tiġi indirizzata l-marda tal-Alzheimer, li jibnu fuq il-progress li sar taħt il-Presidenza Slovena u dik Franċiża. Dawn għandhom ikopru attivitajiet fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell ta' partijiet interessati.</p> |
| <p>Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aspetti transkonfinali tat-tilqim tat-tfal</p> | <p>Proposta Leġiżlattiva / Rakkomandazzjoni tal-Kunsill Bażi legali: It-Trattat tal-KE, l-Art. 152(4c)</p> | <p>Ir-Rakkomandazzjoni tikkonċerna l-prassi ta' tilqim fit-tfulija għal familji bi tfal li jibdeu jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u tindirizza l-kopertura mhux adegwata tat-tilqim għal ċertu mard tat-tfulija li jeżisti tilqim preventiv għalih. B'riżultat tal-moviment ħieles fl-UE, aktar u aktar ċittadini tal-UE jiġu f'kontatt ma' sistemi tal-kura tas-saħħa li huma organizzati b'mod differenti minn dak fil-pajjiżi minn fejn joriġinaw. Id-differenzi fl-iskedi tat-tilqim fit-tfulija jistgħu jkunu ta' problema għal dawk il-familji u jkun ta' riskju għas-saħħa.</p> |
| <p>Il-Komunikazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-UE u l-viċinat tagħha – l-istrateġija u t-tieni pjan ta' azzjoni (2010 – 2014)</p> | <p>Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>L-HIV/AIDS hija sfida maġġuri f'bosta Stati Membri u fil-pajjiżi ġirien. Minkejja l-progress konsiderevoli fid-dijanjożi, it-trattament u l-kura, l-għadd ta' infezzjonijiet ġodda tal-HIV fl-Ewropa għadu jikber. Il-problemi ewlenin, skont is-sitwazzjoni partikolari, huma, pereżempju l-infezzjoni fost iż-żgħażaġh, l-aċċess limitat għat-trattament u l-mediċini, jew l-istigma li hemm fuq il-marda u d-diskriminazzjoni tal-persuni li jgħixu bl-HIV/AIDS.</p> <p>L-istrateġija l-ġdida se tiffoka fuq prijoritajiet u azzjonijiet għal aċċess aħjar għat-trattament, il-kura u l-appoġġ madwar l-Ewropa u dwar attivitajiet kontra t-tkasbir ta' min hu milqut mill-marda u s-saħħa sesswali.</p> |
| <p>Ir-Rapport tal-Finanzjament tal-UE għall-Iżvilupp u l-Effikaċja tal-Għajnuna – lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju</p> | <p>Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni</p> | <p>Ir-rapport obligatorju dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Effikaċja tal-Għajnuna huwa ta' importanza partikolari fl-2009 speċjalment minħabba l-kuntest internazzjonali partikolari: wara Akkra (it-tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, Settembru 2008), wara New York (Avvenimenti ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-ħtiġiet ta' żvilupp tal-Afrika u l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), it-22 u l-25 ta' Settembru 2008) u wara Doha (Konferenza Internazzjonali ta' Segwitu tan-NU dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp għall-Analiżi tal-Implimentazzjoni tal-Monterrey Consensus,</p> |

| | | |
|---|--|---|
| | | Novembru-Diċembru 2008). Huwa kruċjali li jsir progress fuq il-momentum iġġenerat minn dawn l-avvenimenti internazzjonali biex l-Aġenda Ewropea tingħata spinta 'l quddiem u biex jerġa' jiġi affermat l-impenn li jitħaffef il-progress lejn il-kisba tal-MDGs. |
| Il-Komunikazzjoni dwar il-ħarsien Soċjali fis-saħħa u r-Riforma tal-Finanzjament tas-Sistemi tas-Saħħa fil-Pajjiżi fil-fażi ta' Żvilupp | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | Il-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp għandhom ikunu kapaċi joffru servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja lill-popolazzjoni tagħhom b'mod ekwu, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tiġid tal-koeżjoni nazzjonali u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Mingħajr pjan finanzjarju ċar, komprensiv u prevedibbli dwar is-sistemi tas-saħħa, li jiffassal mas-sħab nazzjonali u internazzjonali kollha involvuti, ma jistax jinkiseb żvilupp sostenibbli. Din il-Komunikazzjoni se tipprova tweġiba Ewropea u strumenti operattivi li jlaqqgħu flimkien lid-donaturi, lill-pajjiżi kkonċernati u lil atturi potenzjali oħra (dijaspori, fondazzjonijiet eċċ.) |
| Il-Komunikazzjoni dwar ir-reviżjoni intermedja tal-istrumenti finanzjarji tar-RELEX | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | L-awtorità leġiżlattiva daħħlet klawsola ta' reviżjoni f'kull wiehied mis-seba' strumenti finanzjarji tar-RELEX għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013. Din il-klawsola tiddikjara li għandu jitressaq rapport li jevalwa l-implimentazzjoni tar-regolamenti rispettivi lill-awtorità leġiżlattiva, flimkien mal-proposti leġiżlattivi neċessarji biex isiru l-modifiki, jekk dan ikun xieraq. |
| Il-Komunikazzjoni dwar għeluq il-ħames snin mit-tkabbir tal-UE | Azzjoni mhux leġiżlattiva / Komunikazzjoni tal-Kummissjoni | L-2009 se tkun il-5 anniversarju mit-tkabbir għal għaxar Stati Membri. Jidher kemm l-Istati Membri qodma kif ukoll dawk ġodda mhumiex jifhemu sew is-sinifikat tal-konsegwenzi tat-tkabbir. Huwa importanti li ssir valutazzjoni tal-implikazzjonijiet ekonomiċi tat-tkabbir għall-Istati Membri qodma u dawk ġodda sabiex jiġu identifikati l-punti tajbin u d-dgħufijiet u x'inhuma l-implikazzjonijiet fuq id-diversi politiki. |

(37 inizjattiva)

ANNEX 2 – Lista ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni

| Titlu | Tip ta' azzjoni ta' simplifikazzjoni | Ambitu u għanijiet |
|--|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar il-verifiki fiżiċi fuq prodotti agrikoli impurtati soġġetti għal rifużjonijiet | Reviżjoni | Mill-1 ta' Jannar 2009, dan ir-regolament, flimkien maż-żewġ regolament eżistenti tal-Kummissjoni nru 2090/2002 u 3122/94, se jiġu inkorporati f'regolament wieħed ġdid li jidħol fis-seħħ fl-istess data fir-rigward ta' kull CMO partikolari. |
| Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi rikonoxximent formali li ċertu numru ta' atti ta' liġi Komunitarja fil-qasam tal-agrikoltura m'għadhomx jgħoddu | Revoka | L-għan ta' din il-proposta huwa li ċerti atti legali tal-Kummissjoni li m'għadx għandhom relevanza prattika jew interess aktar wiesa' jiġu ddikjarati bħala li m'għadhomx jgħoddu, u b'hekk isir pass 'il quddiem fl-għanijiet tal-aġġornament u s-simplifikazzjoni tal-acquis Komunitarju. It-tneħħija tagħhom se tiċċara l-acquis "essenzjali" ta' atti li huma attivi u applikabbli b'mod ġenerali. |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar l-intervent fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat | Reviżjoni | L-għan ta' din l-inizjattiva hija li ssir l-emenda tar-regoli ta' implimentazzjoni minħabba t-tneħħija tal-għajnuna għall-ħażna privata tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP) kif ukoll biex issir l-implimentazzjoni tar-regoli li għadhom kemm ġew introdotti dwar l-istandardizzazzjoni tal-kontenut ta' proteina fl-SMP. Qegħdin jiġu introdotti kjarifiki tekniċi u simplifikazzjoni (pereżempju b'rabta mad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà). |
| Ir-Reviżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1793/2004 li jimplementa l-Kontroll tas-Saħħa fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ previsti fit-Titoli IV ('skemi ta' għajnuna oħrajn') u IVa ta' | Tfassil mill-ġdid | Fl-2008 ir-Regolament tal-Kunsill 1782/2003 għandu jiġi sostitwit minn Regolament ġdid dwar il-Ħlasijiet Diretti. L-għan tat-tfassil mill-ġdid huwa li jitħassru ċerti dispożizzjonijiet li m'għadhomx jgħoddu marbuta ma' skemi ta' għajnuna li se jitneħħew jew jiġu diżakkopjati skont ir-riżultat tal-Kontroll tas-Saħħa. |

| | | |
|--|-----------------------------|---|
| dak ir-Regolament | | |
| Ir-Reviżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 796/2004 li jimplimenta l-Kontroll tas-Saħħa fir-rigward tal-konformità reċiproka, il-modulazzjoni u l-ġestjoni aintegrata u s-sistema ta' kontroll (IACS) | Tfassil mill-ġdid | Fl-2008 ir-Regolament tal-Kunsill 1782/2003 għandu jiġi sostitwit minn Regolament ġdid dwar il-Flasijiet Diretti. L-għan tat-tfassil mill-ġdid huwa li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa. |
| Ir-Reviżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 795/2004 li jimplimenta l-Kontroll tas-Saħħa fir-rigward tal-iskema ta' ħlas waħdieni | Tfassil mill-ġdid | Fl-2008 ir-Regolament tal-Kunsill 1782/2003 għandu jiġi sostitwit minn Regolament ġdid dwar il-Flasijiet Diretti. L-għan tat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament Nru 795/2004 huwa li jitneħħew dispożizzjonijiet li m'għadhomx jgħoddu dwar il-ħolqien ta' skema ta' ħlas waħdieni introdotta mir-riforma tal-KAP dwar regoli temporanji b'rabta mal-integrazzjoni sussegwenti ta' setturi fl-iskema ta' ħlas waħdieni. |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi regoli komuni dwar akkwisti taħt intervent pubbliku | Tfassil mill-ġdid/Reviżjoni | Din l-inizjattiva hija konsegwenza tal-proposti tal-Kontrolli tas-Saħħa. Il-proġett jikkonċerna s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni f'att legali orizzontali tar-regoli dettaljati għal-intervent, partikolarment għaċ-ċereali, il-prodotti tal-ħalib u l-laħam. |
| Ir-Regolament tal-Kunsill li jirrevoka għadd ta' atti agrikoli li m'għadhomx jgħoddu | Revoka | L-għan ta' dan ir-Regolament huwa r-revoka ta' ċerti atti legali tal-Kunsill li m'għadhomx jgħoddu jew li m'għadhom l-ebda relevanza Prattika jew interess aktar wiesa', u b'hekk isir pass 'il quddiem fl-għanijiet tal-aġġornament u s-simplifikazzjoni tal-acquis Komunitarju. It-tneħħija tagħhom se tiċċara l-acquis "essenzjali" ta' atti li huma attivi u applikabbli b'mod ġenerali. |

| | | |
|---|-------------------|---|
| L-Avviż dwar l-infurzar tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istati nazzjonali | Reviżjoni | Reviżjoni tal-Avviż tal-1995 dwar il-koperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. L-Avviż il-ġdid se jappoġġja u jgħin lil dawk il-qrati nazzjonali li quddiemhom jitressqu kawżi dwar għajnuna illegali, billi jiġu stabbiliti l-Każistika Komunitarja u l-prattika dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet applikabbli. Barra minn hekk dan se jaġġorna u jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' sostenn offruti lill-qrati nazzjonali. Permezz tar-razzjonalizzazzjoni u t-titjib tal-gwida attwali, l-Avviż se jissimplifika l-kompiti tal-qrati nazzjonali fl-infurzar tal-għajnuna mill-Istat. |
| Il-Kodiċi tal-Aħjar Prattiki fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat | Reviżjoni | Il-Kodiċi dwar l-Aħjar Prassi għandu l-għan li jstabilixxi prassi tajba fuq in-naħa tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri bil-għan li tizzied l-effiċjenza, it-trasparenza u l-previdibbiltà tal-proċeduri ta' għajnuna mill-Istat. L-effiċjenza tista' tittejjeb, pereżempju, permezz ta' titjib fin-notifiki minn qabel ta' kuntatti, inċentivi għal notifiki aktar kompleti mill-Istati Membri, skambju ta' informazzjoni aktar standardizzat mal-Istati Membri, kif ukoll proċeduri interni mfassla b'mod li jkun aktar affiċjenti. Il-prevedibbiltà tizzied permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jsir b'ritmu aktar mgħaġġel. U l-Istati Membri jiksbu aktar trasparenza fir-rigward tal-passi proċedurali u l-iskadenzi previsti. |
| L-Avviż dwar proċedura simplifikata għall-Għajnuna mill-Istat | Reviżjoni | It-tfassil ta' proċedura simplifikata għall-għajnuna mill-Istat għandu l-għan tal-adozzjoni mgħaġġla f'każi diretti ta' għajuna notifikata inkluż każi adottati abbażi tat-taqsuma tal-valutazzjoni standard ta' strumenti orizzontali ta' għajnuna mill-Istat, kif ukoll ta' każi li sempliċement jikkonfermaw preċedenti. L-avviż għadnu jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza tal-proċeduri ta' għajnuna mill-Istat permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' dawn it-tipi ta' każi. |
| L-Inizjattiva tal-Komunità dwar mard muskuloskeletal relatat max-xogħol | Tfassil mill-ġdid | Is-segwitu tat-tieni fażi ta' konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa l-integrazzjoni fi strument leġiżlattiv uniku tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskju ta' mard muskolo-skeletal fuq ix-xogħol. Bħalissa dawn id-dispożizzjonijiet huma frammentati fuq diversi direttivi, li huma d-Direttiva tal-Kunsill Nru 90/269/KEE u d-Direttiva tal-Kunsill Nru 90/270/KEE. L-istrument leġiżlattiv uniku jkun aktar komprensiv, aktar ċar u eħfef biex ikun applikat. Dan ikun ta' benefiċċju għal min jimpjega f'termini ta' ċarezza legali u l-ħaddiema f'termini ta' protezzjoni aħjar mir-riskji ta' mard muskolo-skeletal. |

| | | |
|--|--------------------------|--|
| <p>Ir-Reviżjoni tad-Direttiva 2000/35 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali</p> | <p>Reviżjoni</p> | <p>Diversi dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva kurrenti mhumiex ċari u diffiċli biex jiġu implimentati, u b'hekk joħolqu diversi ostakli biex in-negozji jressqu talba għad-drittijiet tagħhom f'każi ta' ħlas tard. L-għan ewlieni huwa li d-debituri jiġu skoraggħiti milli jagħmlu ħlasijiet tard filwaqt li l-kredituri jkollhom miżuri li jippermettulhom jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet kollha tagħhom meta jitħallsu tard. Is-simplifikazzjoni tkun tinkludi kjarifika tal-kaolkolu tar-rata ta' imgħax applikabbli, deskrizzjoni aħjar tan-natura u safejn jistgħu "iżommu t-titolu", definizzjoni ġdida tat-tipi ta' tranżazzjonijiet kummerċjali koperti mid-Direttiva u definizzjoni aktar ċara tal-"ispejjeż ta' irkupru relevanti" biex jiġu inklużi l-ispejjeż amministrattivi interni b'rabta mal-ħlas tard.</p> |
| <p>Ir-Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi agrikoli u forestali</p> | <p>Tfassil mill-ġdid</p> | <p>Il-proposta se tissimplifika l-leġiżlazzjoni tal-KE dwar it-tratturi agrikoli u forestali billi tissostitwixxi leġiżlazzjoni preżenti (inkluż id-Direttiva Qafas u d-Direttivi separati) b'Regolament wieħed ewlieni. Il-proposta ser tirrevoka 24 Direttiva. Hija se tintroduċi rekwiżit aħjar għall-brejkijiet tat-tratturi wkoll.</p> |
| <p>L-Emenda għall-Anness IV tar-Regolament 2003/2003 dwar il-fertilizzanti</p> | <p>Reviżjoni</p> | <p>L-għan huwa li jkun żgurat li l-Istandards CEN ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala metodi uffiċjali ta' analiżi li għandhom jintużaw bħala referenza għal kontrolli uffiċjali. Il-verżjoni aġġornata tagħhom mis-CEN mhix se tibqa' inkluża fl-att legali iżda se teżisti fil-forma ta' standards separati li l-Kummissjoni tagħmel referenza għalihom aktar tard – bħalissa d-deskrizzjoni dettaljata tal-metodu ta' ttestjar li attwalment jinsabu fl-Anness sejrjn jitħassru.</p> |
| <p>Id-Direttiva jew Regolament dwar l-apparat mediku</p> | <p>Tfassil mill-ġdid</p> | <p>L-għan huwa s-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tar-regoli sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħa fl-istess ħin li jiġi żgurat li s-suq intern jiffunzjona bla skossi.</p> |
| <p>Ir-Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'Żewġ jew bi Tliet Roti</p> | <p>Tfassil mill-ġdid</p> | <p>Il-proposta se tissimplifika l-leġiżlazzjoni tal-KE dwar vetturi bil-mutur b'2 jew bi 3 roti billi tissostitwixxi leġiżlazzjoni preżenti (inkluż id-Direttiva Qafas u d-Direttivi separati) b'Regolament wieħed ewlieni. Il-proposta ser tirrevoka 14-il Direttiva. Se tintroduċi leġiżlazzjoni moderna dwar l-emissjonijiet, l-ABS u l-ibbrejkjar ta' emerġenza awtomatiku għal vetturi b'żewġ jew tliet roti.</p> |

| | | |
|---|------------------|---|
| <p>Il-Proposta ta' Strument Legali bħala bai għall-iżvilupp ta' Sistema Maqsuma ta' Informazzjoni Ambjentali</p> | <p>Reviżjoni</p> | <p>L-għanijiet tas-simplifikazzjoni jkopru:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-modernizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-rappurtar ambjentali, għall-faċilitazzjoni tad-disponibbiltà tad-dejta f'konformità mal-prinċipju li l-informazzjoni għandha tiġi ġestita kemm jista' jkun mill-qrib tas-sors tagħha li għandha tinġabar darba u tinqasam b'mod wiesa'; - id-disponibbiltà f'waqtha ta' informazzjoni / dejta permezz tas-simplifikazzjoni tal-approċċ attwali dwar il-perjodi tar-rappurtar; - ir-revoka / is-simplifikazzjoni ta' rappurtar doppju li m'għadux jgħodd, fuq bażi ta' analiżi tal-leġiżlazzjoni. |
| <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq</p> | <p>Reviżjoni</p> | <p>L-għan huwa li jinħoloq strument fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea (SSE) li jippermetti l-ġestjoni tal-istħarriġ statistiku tat-trasport tal-merkanzija bit-triq permezz ta' rekwiżiti ta' rappurtar (limiti fuq in-numru ta' vetturi għall kull pajjiż li jirrapporta), l-ambitu tal-istħarriġ (it-tipi ta' vetturi inklużi) u l-istandard ta' preċiżjoni (li diġà jista' jiġi modifikat permezz tal-komitoloġija). Bi ftehim mal-SSE (Il-Kumitat tal-Programm tal-Istatistika), il-popolazzjoni (l-enfasi fuq operazzjonijiet internazzjonali u vetturi tqal) u kampjun (miżuri ta' preċiżjoni li jiġu adattati skont ma titlob id-dejta) tal-vetturi li jittrasportaw il-merkanzija bit-triq soġġetti għar-rappurtar jistgħu jitnaqqsu.</p> |
| <p>L-Emenda għar-Regolament 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikomoxximent u l-infurzar tas-sentenzi ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali</p> | <p>Reviżjoni</p> | <p>L-għan huwa li tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni tas-sentenzi kollha fl-UE permezz tat-tneħħja tal-<i>exequatur</i> u l-adattament tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għall-istrumenti internazzjonali ġodda fil-qasam ikkonċernat. Barra minn hekk se jabolixxi passi intermedjarji li ċ-ċittadini jeħtieġu jwettqu sabiex deċiżjoni ġudizzjarja tkun rikonxxuta u infurzata f'pajjiżi barranin.</p> |

| | | |
|---|------------------|--|
| <p>Ir-Regolament tal-Kunsill dwar ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akwalkultura</p> | <p>Reviżjoni</p> | <p>L-organizzazzjoni komuni tas-suq (CMO) inħolqot biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 33 tat-Trattat fis-settur tas-sajd, partikolarment biex tintlaħaq stabbiltà fis-suq u biex jiġi ggarantit dħul ġust għall-produtturi. Għanijiet aktar reċenti jiffokaw fuq is-sajd sostenibbli u ta' appoġġ u attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni. L-organizzazzjoni komuni tas-suq ilha fis-seħħ mill-1971 u għaddiet minn ħafna tibdil minn żmien għal żmien, u mill-1 ta' Jannar 2001 beda jopera CMO b'bixra ġdida. Bħalissa qed tiġi evalwata l-effikaċja u l-effiċjenza ta' din il-politika. Il-proposta għandha l-għan li tikkunsidra l-iżviluppi tas-suq, tibdil fl-attivitajiet tas-sajd u n-nuqqasijiet li nstabu fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ bħalissa.</p> |
| <p>Ir-Regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-qafas rivedut tal-kontroll u l-infurzar</p> | <p>Reviżjoni</p> | <p>Ir-regoli l-ġodda se jimmodernizzaw u jissimplifikaw proċeduri għall-amministrazzjoni nazzjonali u għall-partijiet interessati u se jiffaċilitaw infurzar aħjar. Se jitħaffu l-piżijiet u t-tfixkil amministrattivi għas-settur u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, b'użu aktar mifrux ta' strumenti tal-IT biex jitnaqqsi l-obbligi tar-rappurtar. L-aspetti kollha relatati mal-kontroll u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd (dikjarazzjoni tal-qbid, il-marġni ta' tollernaza, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt, it-trasport, il-lokalizzazzjoni tal-flotta, eċċ.) se jkunu ssimplifikati. Barra minn hekk se jiġu inklużi elementi ġodda li jindirizzaw l-isfidi tas-sajd, Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat (IUU).</p> |
| <p>Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikomoxximent formali tal-proċess ta' waqfien mill-użu u erba' proposti li jirrevokaw strumenti legali li m'għadhomx jintużaw fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd</p> | <p>Revoka</p> | <p>Analiżi tal-korp tal-liġi Komunitarja relatata mal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) fil-kuntest tal-"Pjan ta' Azzjoni 2006-2008 għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-PKS" żvelat li għadd ta' Atti ta' liġi Komunitarja m'għadhomx jgħoddu fil-kuntest legali, minkejja li ma ġewx irrevokati formalment jew li m'għandhom l-ebda indikazzjoni dwar meta tiskadi l-validità tagħhom. Fir-rigward tal-Atti li għandhom jiġu revolati iżda li formalment għadhom fis-seħħ, għandu jintuża l-istess att li jagħti s-setgħa li fforma l-bażi tal-att inizjali. Fil-każ li l-bażi legali għall-att ma tkunx għadha teżisti, il-Kummissjoni se tippubblika rikomoxximent formali tal-proċess ta' waqfien mill-użu permezz ta' Komunikazzjoni.</p> |

| | | |
|---|-------------------|--|
| It-tfassil mill-ġdid ta' Deċiżjonijiet relatati ma' kontrolli fuq assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur | Tfassil mill-ġdid | Għal dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni adottat għadd ta' Deċiżjonijiet 2003/542/KE, 2004/332/KE, 2005/849/KE, u 2007/482/KE) dwar it-tneħħija ta' kontrolli ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' pajjiżi fil-proċess li jissieħbu mal-UE. It-tfassil mill-ġdid għandu l-għan li jissimplifika u jiċċara r-reġim ta' dawn id-Deċiżjonijiet adottati taħt l-Artikolu 2 tad-Direttiva 72/166/KE dwar l-assigurazzjoni tal-vetturi. |
| It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-Prospett | Tfassil mill-ġdid | Se jiġu identifikati oqsma fejn huwa meħtieġ tibdil leġiżlattiv għat-titjib u s-simplifikazzjoni tal-applikazzjoni tad-direttiva sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq min jużaha, mingħajr ma jitbaxxa l-istandard tal-ħarsien tal-investituri. Fost dawn, it-tħassir tar-rekwiżiti ta' informazzjoni li jiddupplikaw it-trasparenza tad-direttiva (Artikolu 10), l-estensjoni tal-ambitu tal-eżenzjoni għal skemi ta' skambju ta' impjegati (Art. 4.1. e), u l-kjarifika tar-responsabbiltajiet fil-każ ta' kaskata tal-imnut (Art. 3.2). |
| It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar l-Abbuż mis-Suq | Tfassil mill-ġdid | F'konformità mal-approċċ tal-Kummissjoni dwar ir-Regolamentazzjoni aħjar qed issir reviżjoni tar-reġim MAD - (id-Direttiva dwar l-Abbuż mis-Suq) fl-UE. L-enfasi hija fuq oqsma fejn jista' jinkiseb titjib f'termini ta': (1) ir-razjonalizzazzjoni/tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi dwar, pereżempju, id-dmirijiet ta' żvelar ta' informazzjoni dwar kumpaniji eżekuttivi, u d-dmir li jitfasslu u jinżammu listi interni, (ii) il-faċilitazzjoni u t-tisħiħ tas-sorveljanza eżerċitata fil-livell tal-Istati Membri. |

| | | |
|--|-------------------|---|
| Is-simplifikazzjoni tad-Direttivi dwar il-Kontabilità | Reviżjoni | L-għan huwa li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw lil mikroentitajiet mir-rekwiżiti ta' kontabilità u r-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kontabilità (ir-Raba' u s-Seba' Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji) biex jittqies l-interess tan-negozji żgħar u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'aktar minn EUR 5 biljuni. |
| L-Implimentazzjoni tal-Miżuri għas-Sistema ta' Twissija Rapida dwar l-Ikel u l-Għalf (RASFF) | Reviżjoni | L-għan tal-miżuri ta' implimentazzjoni huwa t-tħaddim uniformi tal-RASFF mill-membri kollha tan-netwerk billi: issir definizzjoni tal-ambitu tas-sistema; jiġu stabbiliti punti ta' kuntatt; issir definizzjoni tar-rwol tal-Kummissjoni; isiru l-elaborazzjoni u t-trażmissjoni tan-notifika relevanti; il-valutazzjoni u s-segwitu ta' notifika; jiġu definiti regoli għall-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-RASFF ma' pajjiżi terzi; jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità. |
| Ir-Regolament dwar il-materjal u l-oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt mal-ikel | Tfassil mill-ġdid | Tfassil mill-ġdid tad-Direttivi dwar il-materjal u l-oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt mal-ikel bil-għan li titħaffef l-awtorizzazzjoni ta' addittivi u monomeri ġodda u għas-simplifikazzjoni, il-kjarifika u l-aġġornament ta' regoli dwar it-testijiet tal-migrazzjoni; ir-revoka ta' regoli li m'għadhomx jgħoddu, bħal pereżempju l-metodu analitiċi fid-Direttivi 80/766/KEE u 81/432/KEE; ta' ċerti partijiet tad-Direttiva 82/711/KEE li mhumiex kriterji tal-ittestjar iżda interpretazzjonijiet u spjegazzjonijiet; u għat-tneħħija ta' regoli kontradittorji bejn 82/711/KEE u 2002/72/KE fir-rigward tal-applikabbiltà, u bejn 82/711/KEE u 85/572/KEE fir-rigward tad-definizzjoni ta' ċerti stimolanti fl-ikel. |
| It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 1999/36/KE dwar id-Direttiva ta' Tagħmir ta' Pressjoni li jista' jiġi Trasportat (TPED) | Tfassil mill-ġdid | <p>Ċerti klwasoli m'għadhomx jgħoddu u bħalissa ċerti kwistjonijiet huma indirizzati fi ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża. Il-ħtieġa li jiġu eliminati ċerti kontradizzjonijiet li joħorġu minn dawn il-ftehimiet internazzjonali b'kunsiderazzjoni ta' ftehimiet tranżitorji fil-livell ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi (tan-NU dwar it-trasport bit-triq, tal-OTIF dwar il-ferrovija). Ir-Revoka ta' 4 Direttivi dwar Vetturi ta' Pressa (76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE u 84/527/KEE) u l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għadhom relevanti fir-reviżjoni tad-Direttiva 1999/36/KE.</p> <p>Huwa meħtieġ ukoll li d-diretta eżistenti ssir konformi mar-regoli tal-“Approċċ il-Ġdid” dwar il-moviment ħieles ta' prodotti li jinsab fl-aħħar stadji tal-adozzjoni formali, skont il-qafas leġiżlattiv ġdid għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti.</p> |

| | | |
|--|--------------------------|--|
| <p>It-tfassil tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ewwel Pakkett Ferrovjarju: is-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-aċċess fis-suq tat-trasport bil-ferrovija</p> | <p>Tfassil mill-ġdid</p> | <p>Bil-għan tas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, it-tliet Direttivi se jiġu inkorporati u strutturati mill-ġdid filwaqt li jiġu eliminati l-kontroreferenzi fiż-żewġ atti legali. Dan se jwassal għal dokument li jinqara b'faċilità u għalhekk jippermetti implimentazzjoni aħjar u aktar armonizzata fl-Istati Membri biex b'hekk potenzjalment jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Barra minn hekk, dispożizzjonijiet legali oħrajn, partikolarment arranġamenti istituzzjonali, bħat-tisħiħ tas-setgħat ta' entitajiet regolatorji u aktar kooperazzjoni bejn il-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja għal servizzi internazzjonali, se jissaħħu biex b'hekk ikun jista' jinħoloq suq intern ġenwin u jiġi eliminat it-tfixkil fuq id-dispożizzjonijiet tas-servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovjarju. B'mod ġenerali, permezz tat-tisħiħ il-qafas legali u istituzzjonali, il-Kummissjoni tittama li jitnaqqsu l-ispejjeż għall-aċċess fis-suq għall-impriżi ferrovjarji.</p> |
| <p>Id-Direttiva dwar it-Tagħmir Marittimu</p> | <p>Tfassil mill-ġdid</p> | <p>Minn meta ġiet adottata, id-Direttiva 96/98/KE sarulha tliet emendi tekniċi filwaqt li bħalissa qegħdin jitħejjew żewġ emendi tekniċi oħrajn (rispettivament dwar il-proċedura tal-kumitat u l-annessi tekniċi). Barra minn hekk, il-qafas leġiżlattiv ġdid għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti se jkollu impatt dirett fuq għadd ta' elementi bażiċi (l-entitajiet notifikati, is-sorveljanza tas-suq, u l-klawsola ta' salvagwardja). Fl-aħħar nett, is-sistema kurrenti ta' aġġornamenti tekniċi minn żmien għal żmien teħtieġ reviżjoni dettaljata sabiex tibqa' rilevanti f'paragun mal-produzzjoni leġiżlattiva tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Hemm il-ħsieb li d-Direttiva titfassal mill-ġdid jew tiġi revokata u tinbidel ma' oħra ġdida.</p> |
| <p>It-tfassil mill-ġdid tal-qafas regolatorju Komunitarji dwar it-trasport ta' materjal radjuattiv</p> | <p>Tfassil mill-ġdid</p> | <p>Bħalissa fil-livell Komunitarji hemm aktar minn 30 direttiva, regolament u rakkomandazzjoni li jirregolaw it-trasport ta' materjal radjuattiv. Jeżistu wkoll regoli internazzjonali li mhumiex vinkolanti. It-traspożizzjoni inkonsistenti ta' dawn ir-regoli tfisser li hemm livell żejjed ta' kumplessità li jikkawża problemi prattiċi għall-Istati Membri, inkluż spejjeż akbar u aktar dewmien. Is-simplifikazzjoni ta' regoli u proċeduri jnaqqas dan kollu u stima inizjali turi li jista' jinkiseb tnaqqis potenzjali ta' 50% fl-ispejjeż tax-xogħol u ta' 30% fl-ispejjeż għall-operaturi.</p> |

(33 inizjattiva)

ANNEX 3 – Lista ta' proposti pendenti li jse jiġu rtirati

| Titlu | COM/SEC/numru interistituzzjonali | Ġustifikazzjoni għall-irtirar |
|--|--|---|
| Il-Proposta għal Att ta' Adattament tat-termini ta' adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru maqgħquda mal-Unjoni Ewropea | COM(2004)189 | Marbuta mal-Pjan Annan tal-2004 għal rizzoluzzjoni għall-problema ta' Ċipru u r-riunifikazzjoni. Fil-każ ta' rizzoluzzjoni komprensiva ġdida, il-Kummissjoni jkollha tressaq proposta ġdida ta' Att ta' Adattament dwar il-pjan ġdid ta' rizzoluzzjoni (possibbilment fl-2009). Din il-proposta m'għadhiex tgħodd. |
| Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u l-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottata b'mod konġunt f'Cape Town fis-16 ta' Novembru 2001 | SEC(2002) 1308/1 | Dawn il-proposti se jiġu ssostitwiti minn Proposta Emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, min-naħa tal-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar Interessi Intenazzjonali f' Tagħmir Mobbli u l-Protokoll tiegħu dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottat b'mod konġunt f'Cape Town fis-16 ta' Novembru 2001, adottat mill-Kummissjoni f'Awwissu tal-2008 - COM (2008) 508 / 2008/0162/CNS. Dawn il-proposti m'għadhomx jgħoddu. |
| Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u l-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottata b'mod | SEC(2002) 1308/2 | |

| | | |
|--|-----------------------------------|--|
| konġunt f'Capo Town fis-16 ta' Novembru 2001 | | |
| Il-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża. | COM(2003)558 2003/0217 (CNS) | Billi ttieħdet id-deċiżjoni li l-karatteristiċi biometriċi ma jiddaħħlux fl-istiker tal-viża u fl-istess ħin ir-Regomanet dwar il-permezz ta' residenza ġie emendat f'dak is-sens, din il-proposta m'għadhiex tgħodd. |
| Il-Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill biex jissaħħaħ il-qafas tal-liġi kriminali fil-ġlieda kontra reati ta' proprjetà intellettwali | COM(2005)276/2 2005/0128 (CNS) | Sostitwit minn proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri kriminali li l-għan tagħhom huwa li jiġi żgurat l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali COM (2006) 168 tas-26.4.06 / 2005/0127/COD (ara l-Proċedura bil-miktub 2006/669), fis-segwitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13.9.05 (C-176/03). Il-proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill m'għadhiex tgħodd. |
| Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-titjib fil-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, partikolarment mal-fruntieri interni u li temenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen | COM(2005)317 2005/0131 (CNS) | Duplikazzjonijiet mat-Trattat ta' Prüm kif traspost mid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali, partikolarment fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, adottata fit-23.06.08. Din il-proposta m'għadhiex tgħodd. |

| | | |
|--|---------------------|---|
| <p>Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri relattiv għall-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-KE u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja dwar is-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja u tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2006 sal-31 ta' Lulju 2008</p> | <p>COM(2006)505</p> | <p>F'Lulju l-Kunsill adotta ftehim ġdid mal-Mawritanja, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 704/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012 Għalhekk din il-proposta m'għadhiex tgħodd.</p> |
| <p>Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Liġi applikabbli fuq ċerti drittijiet fir-rigward ta' garanziji li jsiru ma' intermedjarji</p> | <p>COM(2003)783</p> | <p>Il-Kummissjoni biddlet l-approċċ tagħha u tista' tipprevedi l-preżentazzjoni ta' proposta ġdida partikolarment fir-rigward tal-kwistjoni li tinsab fil-bażi ta' kunflitt tal-liġi, msejjes fuq valutazzjoni tal-impatt komprensiv. Għalhekk il-proposta kurrenti m'għad għandha l-ebda skop u m'għadhiex tgħodd.</p> |
| <p>L-Abbozz ta' ftehim Interistituzzjonali dwar il-ħolqien ta' qafas operattiv għal aġenziji regolatorji Ewropej</p> | <p>COM(2005)59</p> | <p>F'Komunikazzjoni adottata f'Marzu – id-dokument CON (2008) 135, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tirtira din il-proposta u ppreżentat il-passi li biħsiebha tieħu biex isir progress lejn qafas komuni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li stedina għal grupp ta' ħidma interistituzzjonali għandha twassal għal approċċ komuni għall-aġenziji, bħala alternattiva għall-proposta ta' ftehim interistituzzjonali. Għalhekk il-proposta kurrenti</p> |

| | | |
|--|---------------------------------|---|
| | | m'għad għandha l-ebda skop u m'għadhiex tgħodd. |
| Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal (verżjoni kodifikata) | COM(2003)297 2003/0104 (CNS) | L-Att li kien fil-proċess tal-kodifikazzjoni ġie revokat. Għalhekk il-proposta kurrenti m'għad għandha l-ebda skop u m'għadhiex tgħodd. |
| Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza ta' ċertu mard tal-annimali (verżjoni kkodifikata) | COM(2006)315 2006/0104 (CNS) | L-Att li kien fil-proċess tal-kodifikazzjoni ġie revokat. Għalhekk il-proposta kurrenti m'għad għandha l-ebda skop u m'għadhiex tgħodd. |
| Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' bajd għat-tifqis u ta' flieles ta' tjur tar-razzett (Verżjoni kodifikata) | COM(2006)694 2006/0231 (CNS) | L-Att li kien fil-proċess tal-kodifikazzjoni ġie revokat. Għalhekk il-proposta kurrenti m'għad għandha l-ebda skop u m'għadhiex tgħodd. |
| Ir-Rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tad-Djalogu Internazzjonali dwar it-Taxxa | SEC(2007)958 | Wara reviżjoni tal-Abbozz tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni, m'hemm l-ebda ħtieġa li l-Kunsill jadotta att bażiku fil-forma ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-ħidma tal-ITD. Għalhekk ir-Rakkomandazzjoni m'għadhiex tgħodd. |

| | | |
|--|---|--|
| <p>Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu ta' bilanċ applikabbli għal importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea</p> | <p>COM(2005)398</p> | <p>Dan l-abbozz ta' Regolament kien ġie propost bħala mezz biex tiġi indirizzata s-sistema hekk imsejħa ta' "pprezzar doppju", speċjalment fil-kuntest tan-negożjati ta' adeżjoni ta' ċerti pajjiżi fid-WTO. Il-Kummissjoni biddlet l-approċċ tagħha favur negożjati bilaterali jew multilaterali u tikkunsidra li m'għadha meħtieġa l-ebda leġislazzjoni. Għalhekk din il-proposta m'għadhiex tgħodd.</p> |
| <p>Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' għejun radjuattivi ssiġġillati ta' attività għolja</p> | <p>COM(2002)130</p> | <p>Il-proċedura għall-adozzjoni ta' miżuri stabbiliti taħt l-Artikoli 31 u 41 tat-Trattat EURATOM tirrekjedi li l-Kummissjoni ttejjji "abbozz" ta' proposta, li mbagħad jintbagħat lill-Kunsill Ekonomiku Soċjali Ewropew għall-kummenti tiegħu. Wara dan, il-Kummissjoni ħejjiet proposta riveduta – id-dokument COM (2003)18. Għalhekk il-proposta inizjali m'għad għandha l-ebda skop u m'għadhiex tgħodd.</p> |
| <p>Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Unitajiet ta' Tagħbija Intermodali</p> | <p>COM(2003)155/2 2003/0056/COD</p> | <p>Il-Kummissjoni tikkunsidra li m'għadx hemm il-ħtieġa ta' leġislazzjoni. Is-CEN diġà żviluppat pre-standards u se tlesti l-ħidma jekk tirċievi mandat mingħand il-Kummissjoni. Qabel ma tali mandat ikun jista' jingħata lis-CEN jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk kontenituri ISO ta' 45 pied, li bħalissa huma limitati biss għat-traffiku nazzjonali, għandhomx jitħallew jintużaw għal traffiku transkonfinali. Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tanalizza dan permezz ta' studju. Barra minn hekk, qiegħda ssir riċerka li tikkunsidra l-aħjar daqs u l-karatteristiċi tas-saħħa tal-ILU kif ukoll karatteristiċi ta' komunikazzjonijiet u sigurtà. Għalhekk din il-proposta m'għadhiex tgħodd.</p> |
| <p>Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (EURATOM) Nru 2587/1999 li li jiddefinixxi l-proġetti ta' l-investment li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skond l-</p> | <p>COM(2003)370</p> | <p>Minħabba fiż-żmien li laħaq għadda minn meta saret din il-proposta, din m'għadhiex tgħodd.</p> |

| | | |
|---|---------------------------------------|--|
| <p>Artikolu 41 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika</p> | | |
| <p>Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kumpens fil-każi ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżti kuntrattwali ta' kwalità għal servizzi ta' ġarr tal-merkanzija bil-ferrovija</p> | <p>COM(2004)144 2004/0050/COD</p> | <p>Fid-dawl tal-oppizzjoni kemm mill-leġislatur kif ukoll mis-settur għal relazzjonijiet kuntrattwali li huma parti minn din il-proposta, il-Kummissjoni ħabbet l-intenzjoni tagħha li tirtira l-proposta f'Komunikazzjoni adottata f'Settembru – id-dokument COM (2008)536). Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għanijiet tal-proposta jistgħu jintlaħqu permezz ta' inizjattivi li jinsabu għaddejjin li jsostnu l-iżvilupp tal-kompetizzjoni u jiżguraw li l-ġarr ta' merkanzija bil-ferrovija għandu infrastruttura ta' kwalità għolja u servizzi anċillari għad-dispożizzjoni tiegħu. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, il-Kummissjoni biħsiebha tressaq proposta leġislattiva għida f'Novembru tal-2008. Għalhekk din il-proposta m'għadhiex tgħodd.</p> |
| <p>Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni Komunitarja fi ħdan il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet proċedurali marbuta mal-baġit tal-Komunità ta' l-Enerġija, fir-rigward ta' ċerti regoli proċedurali dwar l-aċċettazzjoni ta' ċerti pajjiżi bħala Osservaturi u d-drittijiet u l-obbligi ta' l-Osservaturi għall-Komunità ta' l-Enerġija, u fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni tal-Moldova, l-Ukraina, in-Norveġja u t-Turkija bħala Osservaturi għall-Komunità ta' l-Enerġija (ippreżentata mill-</p> | <p>COM(2006)709</p> | <p>Billi l-pajjiżi kkonċernati huma osservaturi għal dan il-Kunsill, il-proposta m'għadhiex rilevanti u m'għadhiex tgħodd.</p> |

| | | |
|---|---------------------------------|--|
| Kummissjoni) | | |
| Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Aġenzija Fornitriċi Euratom | COM(2007)108 2007/0042 (CNS) | Il-Kummissjoni biddlet l-approċċ tagħha u issa se tindirizza l-għanijiet ta' din il-proposta permezz tal-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet <i>ad hoc</i> fir-Regolament Finanzjarju ġenerali li qed ikun rivedut bħalissa. Dan se jevita proċedura leġiżlattiva ingombranti għal baġit limitat u se jevita ż-żieda tal-għadd ta' regolamenti finanzjarji speċifiċi. Għalhekk din il-proposta m'għadhiex tgħodd. |

(20 inizjattiva)